# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 7 ta' Novembru, 2024.**

**Numru 2**

**Rikors numru 723/2009/1 FDP**

**Christine Hannah Burns bħala mandatarja speċjali ta' John Burns, assenti minn Malta**

**v.**

**Paul Ebejer f'ismu proprio u bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza ta' Water Sports Operations Limited (C 33602) ġia Sun 'N' Fun Water Sports Limited (C 33602), u Luke Curmi u, b'digriet tad-19 ta' Jannar 2011, ġiet kjamata fil-kawża s-soċjetà Montaldo Insurance Agency Limited u b'digriet tat-3 ta' Lulju 2020 l-isem tas-soċjetà kjamata in kawża ġie jaqra "Montaldo Insurance Agency Limited għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera AIG Europe S.A**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar żewġ appelli: (i) wieħed imressaq mill-kumpanija msejħa fil-kawża Montaldo Insurance Agency Limited f'isem il-kumpanija barranija AIG Europe S.A. (minn hawn 'il quddiem imsejħa MIAL *nomine*); u (ii) l-ieħor imressaq mill-konvenut Luke Curmi minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' Ġunju, 2020, li permezz tagħha filwaqt li l-konvenut Paul Ebejer inħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju, intlaqgħu t-talbiet attriċi għad-danni minħabba inċident li seħħ waqt attività fuq il-baħar fejn l-attur John Burns spiċċa paralizzat.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-23 ta' Lulju, 2009, Christine Hannah Burns, bħala mandatarja speċjali tal-assenti żewġha John Burns fissret kif fil-25 ta' Lulju, 2007, waqt li żewġha kien riekeb fuq saqqu tal-baħar (magħruf bħala *Crazy Sofa*) li kien qiegħed jinġibed minn *speedboat,* f'San Ġiljan, ittajjar minn fuq il-*Crazy Sofa* u ġarrab danni ta' natura permanenti.

3. Hija tfisser kif ir-rikba li ħa l-attur kienet operata mill-kumpanija Sun 'N' Fun Water Sports Limited, illum Water Sports Operations Limited, filwaqt li l-*ispeed boat* inkwistjoni kienet misjuqa mill-konvenut Luke Curmi, li kien impjegat jew imqabbad mill-kumpanija Sun 'N' Fun Water Sports Limited. Id-direttur tagħha ta' din il-kumpanija huwa Paul Ebejer.

Barra minn hekk, jingħad li l-*ispeedboat* inkwistjoni kienet ta' Paul Ebejer jew tal-kumpanija Sun 'N' Fun Water Sports Limited.

4. L-attriċi *nomine* tgħid li b'riżultat ta' dan l-inċident John Burns spiċċa "*tetraplegic*" u m'għandu l-ebda kapaċità li jiżvolġi xi attività ekonomika. Hija ssostni li għall-istess inċident u danni konsegwenzjali jaħtu biss il-konvenuti, jew min minnhom, minħabba negliġenza, imperizja, traskuraġni, nuqqas ta' attenzjoni u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti. Tgħid li minkejja li sejħet lill-konvenuti sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni mġarrba, dan kien ta' xejn. Kien għalhekk li fetħet din il-kawża sabiex il-Qorti:

> *«1. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fil-25 ta' Lulju 2007, meta John Burns, debitament rappreżentat mill-attriċi nomine, kien riekeb fuq il-crazy sofa, f'liema inċident l-attur sofra danni fuq il-persuna tiegħu;*
>
> *2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, bil-konsegwenza tal-imsemmi inċident, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*
>
> *3. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, iħallsu lill-attriċi nomine dik is-somma li tiġi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.*
>
> *Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra interpellatorja datata 16 ta' Novembru 2007 u tal-ittra uffiċjali tas-17 ta' Lulju 2009, u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuti inġunti għas-subizzjoni.»*

5. Il-konvenut Paul Ebejer wieġeb għal dan ir-rikors maħluf f'ismu stess u f'isem il-kumpanija Sun 'N' Fun Watersports Limited, permezz ta' risposta maħlufa ppreżentata fl-4 ta' Novembru, 2009, fejn ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

*«(1)* ***Illi fl-ewwel lok, Paul Ebejer personalment għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju****.*

*Illi il-mertu tal-kawża jirrigwarda danni sofferti minn John Burns meta waqa' minn apparat ossia 'Crazy Sofa', proprjetà ta' soċjetà terza, trasportata minn dgħajsa proprjetà tal-istess soċjetà terza, waqt illi kienet misjuqa minn persuna ingaġġata mis-soċjetà intimata, Luke Curmi, fil-preżenza ta' persuna oħra, Albert Camenzuli, ukoll ingaġġat mis-soċjetà intimata.*

*Illi għalhekk, fl-ewwel lok, l-esponent Paul Ebejer personalment ma għandu l-ebda konnessjoni personali ma' l-inċident mertu tal-kawża u l-unika konnessjoni illi dan għandu ma' l-imsemmi inċident hija se mai unikament qua direttur tas-soċjetà Sun 'N' Fun Watersports Limited bħala l-kumpanija illi kienet l-operatriċi tad-dgħajsa involuta fl-inċident u l-apparat ossia 'Crazy Sofa' kif ukoll kienet il-kumpanija illi offriet u organizzat ir-rikba fuq il-Crazy Sofa u ingaġġat lill-persuni illi kienu qed isuqu d-dgħajsa inkwistjoni. Għalhekk Paul Ebejer personalment għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*(2)* ***Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma kien hemm ebda negliġenza, traskuraġni, imperizja jew nuqqasijiet ta' parti ta' l-esponenti****.*

*Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimat Paul Ebejer proprio et nomine, illi ilu jopera fil-kamp tal-'watersports' għal ħafna snin, dejjem mexxa n-negozju tiegħu b'diliġenza kbira u dejjem u kostantement adotta kriterji għolja ta' għaqal u sigurtà u osserva dawn il-kriterji b'reqqa kbira, f'kull stadju tal-operat tiegħu inter alia, (1) fl-istadju tal-għażla u x-xiri tat-tip ta' apparat u dgħajjes użati fis-servizzi mogħtija lill-klijenti; (2) fil-liċenzjar ta' dan l-apparat; (3) fl-assikurazzjoni għall-klijenti tas-servizzi offerti; (4) f'manutenzjoni ta' kwalunkwe apparat u dgħajjes użati fin-negozju; (5) fl-istadju tal-għażla u l-ingaġġar ta' persuni mal-kumpanija inkluż persuni ingaġġati sabiex irendu direttament is-servizz lill-klijenti tal-kumpanija; (6) fl-impożizzjoni ta' policies interni illi jassikuraw illi l-konsumaturi tas-servizzi jagħmlu għażla infurmata dwar is-servizz mixtieq jew mitlub; (7) fl-impożizzjoni ta' policies interni dwar is-servizzi illi għandhom jew ma għandhomx jingħataw skont it-temp; (8) fl-impożizzjoni ta' regoli interni dwar assistenza illi għandha tingħata lill-klijenti f'mumenti ta' bżonn; (9) fl-impożizzjoni ta' regoli interni u regolamenti applikabbli fl-ambitu ta' 'watersports', fosthom dwar il-mod kif għandhom jinstaqu d-dgħajjes relattivament għas-servizz mitlub inkluż limitazzjoni ta' veloċità u n-neċessità illi jkun hemm 'observer' f'ċerti vjaġġi; (10) fl-impożizzjoni ta' oġġetti ta' sigurtà mogħtija lill-klijenti bħal fil-każ odjern, life vests.*

*Illi in konnessjoni mal-'Crazy Sofa', Paul Ebejer kien għamel riċerka dwar dan l-apparat qabel ma nxtara u ħa l-miżuri kollha neċessarji anke qabel ma xtrahom, dwar is-sigurtà ta' tali apparat, il-kwalità tiegħu u l-mod kif kellu jintuża u dan permezz ta' kuntatt dirett mal-manifatturi u operaturi illi*

*kienu jużawh - dan qabel ma nxtara l-apparat stess sabiex jassikura illi klijenti kellhom a dispożizzjoni tagħhom servizz ta' ċertu livell ta' sigurtà.*

*Illi jiżdied jingħad illi l-'Crazy Sofa' hija fost l-aktar apparat popolari fost il-klijenti u rikba fuq 'Crazy Sofa; hija kkunsidrata bħala 'watersports' ta' sigurtà kbira u ferm akbar minn 'watersports' oħra tant illi huwa adattat anke għal tfal żgħar. Jingħad ukoll illi minn meta bdiet tintuża l-Crazy Sofa u dan bosta snin ilu, qatt ma kien hemm inċidenti*

*Illi in più, Paul Ebejer dejjem ħa ħsieb manutenzjoni ta' dan l-apparat;*

*Illi inkwantu għad-dgħajsa użata għar-rikba illi fiha seħħ l-inċident, Paul Ebejer dejjem għamel manutenzjoni regolari fid-dgħajsa u wkoll assikura illi kienet tissodisfa r-regoli imposti mil-liġi għal dgħajjes ta' dak it-tip;*

*Illi l-esponenti dejjem assikuraw u addottaw konforma pjena mar-regoli imposti mil-liġi fl-operat tas-servizzi ta' 'watersports'.*

***(3) Illi għalkemm l-esponenti Ebejer ma kienx preżenti, huwa assigura illi l-operaturi huma nies kompetenti.***

*Illi l-esponent proprio et nomine ma kienx preżenti waqt l-inċident u l-inċident seħħ waqt illi d-dgħajsa kienet qed tinstaq minn terza persuna, Luke Curmi, fil-preżenza ta' osservatur, Albert Camenzuli.*

*Illi qabel ma ingaġġa lil Luke Curmi, Paul Ebejer proprio et nomine kien assikura li Luke Curmi kien persuna kompetenti sabiex isuq id-dgħajsa inkwistjoni u illi kien kompetenti jaħdem f'inkarigi assenjati lilu. Fil-fatt din kienet it-tieni sena illi fiha Luke Curmi kien qiegħed jaħdem mas-soċjetà esponenti.*

*Illi wkoll, l-esponent proprio et nomine kien assikura illi Albert Camenzuli huwa persuna komptenti għall-inkarigu assenjat lilu;*

*Illi kemm il-kompetenza ta' dawn il-persuni kif ukoll diliġenza fl-għażla ta' dawn il- persuni da parti ta' l-esponenti proprio et nomine ser tiġi ppruvata waqt il-kawża u biżżejjed illi jingħad illi l-mod kif ġabu ruħhom waqt u wara illi seħħ l-inċident, l- għajnuna u l-assistenza ssomministrata minnhom u l-professjonalità f'dan, huwa ferm indikattiv tal-kwalitajiet ta' dawn il-persuni ingaġġati mill-esponent nomine;*

***(4) Illi l-inċident kien purament każ sfortunat illi ma kien la prevedibbli u wisq anqas evitabbli****.*

*Illi ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-tifel tal-vittma John Burns kien riekeb l-istess apparat u kien bilqiegħda eżatt maġenb missieru, il-vittma, fil-ħin tal-inċident - madanakollu ma waqax u ma ġralu assolutament xejn*

*Illi a bażi tas-suespost u kif ser jiġi ppruvat waqt il-kawża, id-danni sofferti mir-rikorrent John Burns huma purament riżultat ta' inċident sfortunat għall-aħħar iżda illi bl-ebda mod ma huwa konness ma' xi negliġenza, imperizja, traskuraġni, nuqqas ta' attenzjoni u nuqqas ta' ħarsien tar-regolameti relattivi da parti tal-esponent proprio et nomine.*

*Għaldaqstant l-allegazzjonijiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*»

6. Il-konvenut Luke Curmi laqa' għal dak mitlub, permezz tar-risposta maħlufa tiegħu tad-19 ta' Jannar, 2010, fejn qajjem dawn l-eċċezzjonijiet:

*«(1) Illi preliminarjament tiġi eċċepita l-preskrizzjoni għat-talbiet attriċi stante li l-mertu tal-kawża odjerna huwa preskritt b'terminu ta' sentejn ai termini tal-artikolu 2153 tal- Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*(2) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attriċi fil-konfront u kif diretti lejn l-intimat personalment huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' din il-kawża;*

*(3) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimat kien qiegħed fuq xogħolu u waqt il-qadi ta' dmirijietu mal-Kumpanija Sun 'N' Fun Water Sports Limited u għaldaqstant, se mai, hija l-Kumpanija intimata li għandha tirrispondi għal dan l-inċident f'każ ta' kwalunkwe ħtija u mhux l-intimat proprio;*

*(4) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-apparat inkwistjoni u ċjoè l-apparat li bih ir-rikorrent sofra l-allegatament diżabilità permanenti huwa proprjetà ta' Sun 'N' Fun Water Sports Limited u għaldaqstant hija l-Kumpanija intimata responsabbli għal kwalunkwe inċident li jseħħ bl-istess apparat u mhux l-intimat li kien biss qed jagħmel xogħolu;*

*(5) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fis-sewqan tal-opra tal-baħar inkwistjoni l-intimat aġixxa skont is-sengħa u l-arti, b'mod responsabbli u ħa l-prekawzjonijiet kollha possibbli għas-salvagwardja tal-persuni, li minn jeddhom, għażlu li jitilgħu fuq il-'Crazy sofa' inkwistjoni;*

*(6) Salv eċċezzjoniet oħra.*»

7. Minkejja li fil-5 ta' Frar, 2010, il-kumpanija MIAL *nomine* talbet illi tintervjeni '*in statu et terminis'* fil-kawża, dan ir-rikors ġie mbagħad irtirat minnha stess fis-16 ta' Frar, 2010. Iżda fil-15 ta' Diċembru, 2010, il-konvenut Paul Ebejer talab għas-sejħa fil-kawża tal-kumpanija MIAL *nomine,* liema talba ntlaqgħet fid-19 ta' Jannar, 2011.

8. Wara li l-kumpanija MIAL *nomine* ġiet notifikata bid-digriet tas-sejħa fil-kawża, hija ressqet ir-risposta tagħha fil-21 ta' Marzu, 2012, u eċċepiet:

> *«1. Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż u dana għas-segwenti raġunijiet:*
>
> *2. Illi in linea preliminari, s-soċjetà esponenti għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju u dana stante li l-istess soċjetà esponenti, kjamat in kawża, m'għandha ebda relazzjoni ġuridika mal-attur, u lanqas hija b'xi mod, direttament jew indirettament, responsabbli jew b'xi mod involuta fl-inċident de quo.*
>
> *3. Illi sussidjarjament u dejjem bla preġudizzju għas-suespost, is-soċjetà esponenti kjamat in kawża, bħala rappreżentatriċi tas-soċjetà estera Chartis Europe Limited, hija s-soċjetà assiguratriċi tal-Lukanda Corinthia, u għalhekk indirettament ukoll tal-konvenut Sun 'N' Fun Water Sports Limited, bħala operatur ta' water sports ingaġġat ma' l-istess lukanda, u dana dejjem skont u abbażi tal-kondizzjonijiet tal-istess polza ta' assigurazzjoni, liema polza relattiva għandha "limits of indemnity" u għalhekk qatt ma tista' tiġi kkundannata tħallas għall-ammont akbar minn dak skont kif previst mill-istess kuntratt ta' assigurazzjoni.*
>
> *4. Illi sussidjarjament u dejjem bħal preġudizzju għall-premess, għall-inċident inkwistjoni ma jaħti ħadd billi huwa ċar li hawn si tratta ta' casus, u ċjoè inċident sfortunat u li ma jaħti ħadd għalih.*
>
> *5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

9. L-Ewwel Qorti qatgħet it-talbiet attriċi permezz tas-sentenza tagħha tal-11 ta' Ġunju, 2020, fis-sens illi: (i) ħelset lil Paul Ebejer f'ismu personali

mill-ħarsien tal-ġudizzju; (ii) ċaħdet l-eċċezzjoniijet kollha tal-kumpanija msejħa fil-kawża MIAL *nomine*; (iii) ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti Luke Curmi u l-kumpanija Water Sports Operations Limited, qabel Sun 'N' Fun Water Sports Limited; (iv) sabet lill-konvenuti Luke Curmi u l-kumpanija Water Sports Operations Limited, bħala responsabbli għall-inċident li seħħ fil-25 ta' Lulju, 2007; (v) illikwidat id-danni mġarrba mill-attur minħabba dan l-inċident u l-paralażi konsegwenzjali fl-ammont ta' €49,108 bħala *damnum emergens* u €875,643 bħala *lucrum cessans*, li jagħmlu total ta' €924,751; (vi) ikkundannat lill-konvenuti Luke Curmi u Water Sports Operations Limited u MIAL *nomine in solidum* bejniethom, biex iħallsu lill-attur l-ammont ta' €924,751, bħala danni minnu mġarrba. Bl-imgħax jitlaq mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv u bl-ispejjeż kollha jinġarru minn Luke Curmi, Water Sports Operations Limited u MIAL *nomine in solidum* bejniethom, għajr għall-ispejjeż ta' Paul Ebejer personalment, illi għandhom jinġarru mill-attur.

10. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi hekk kienu dawn:

> «*Responsabbiltà tal-akkadut*
>
> *58. Jirriżulta illi l-intimati kollha eċċepew illi huma ma kinux responsabbli tal-inċident u saħqu lkoll illi kien inċident sfortunat u inevitabbli.*
>
> *59. Jirriżulta illi l-intimati Paul Ebejer, f'ismu proprju u f'isem is-soċjetà Sun 'n' Fun Limited, kif ukoll Luke Curmi ċertament ibbażaw u saħħew tali difiża invista tal-eżitu favorevoli għat-teżi tagħhom tal-konklużjoni tal-Inkjesta Maġisterjali illi qalet hekk:*

> *Illi fil-fehma tal-espert legali ma kien hemm xejn li jindika li l-ħruġ bl-ispeedboat u l-crazy sofa dakinhar li seħħ l-inċident ma kienx konsiljat jew li x-xufier tal-istess speedboat Luke Curmi ikkontribwixxa b'xi mod għal dan l-inċident u għalhekk Luke Curmi ma jidhirx li għandu jwieġeb għal ebda responsabbiltà kriminali f'dan il-każ, stante li għal dan l-inċident sfortunat, ma kellu xejn x'jaħti.*
>
> *Peress li mill-provi prodotti ma jirriżultax li kien hemm xi terza persuna li kkontribwiet għal dan l-inċident sfortunat, u għalhekk ma ġie kommess ebda reat kriminali, il-Maġistrat Inkwirenti ser tieqaf hawn bl-investigazzjoni tagħha.*

*60. Il-Qorti, hawnhekk, tagħmel referenza għas-sentenza* ***Stephen Galli vs Nathalie Barbara et*** *deċiża 16 ta' Diċembru, 2019, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:*

> *«Il-Qorti tirrileva wkoll li fil-kamp ċivili kolpa tfisser nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' ħsieb ta' bonus paterfamilias, kif imfissra fl-****artikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili****. Irid jintqal ukoll li l-grad ta' prova fi proċeduri ċivili huwa differenti mill-grad ta' prova fil-kamp kriminali, u filwaqt li l-atti tal-Inkjesta Maġisterjali jistgħu jitqiesu bħala prova fil-proċeduri odjerni, madanakollu l-indaġini li trid tagħmel din il-Qorti hija għalkollox indipendenti minn kull indaġini oħra li saret minn xi Qorti oħra dwar il-fatti ta' dan il-każ.*
>
> *Hawnhekk ikun pertinenti li l-Qorti tiċċita dak li qalet il-Qorti tal-Appell f'deċiżjoni fl-ismijiet* ***Mary Ann Borg noe vs. Korporazzjoni Enemalta et****, fejn għamlet dawn l-osservazzjonijiet:*
>
> > *"Kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili li huma indipendenti minn xulxin, u d-deċiżjonijiet tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali mhumiex konklussivi għall-għanijiet tal-azzjoni ċivili. Li ma kienx hekk, billi l-grad tal-prova huwa differenti fiż-żewġ azzjonijiet, l-attur fl-azzjoni ċivili kien ikollu jegħleb oneru tal-prova ogħla minn dak illi trid il-liġi ċivili. Is-sentenzi tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali huma ammissibbli bħala prova fl-azzjoni ċivili, u għandhom piż daqs kull prova ammissibbli oħra iżda d-deċiżjoni għall-għanijiet tal-kawża ċivili tkun dik tal-qorti ċivili u mhux tal-qorti kriminali.»*

*61. Jirriżulta, għalhekk, l-azzjoni odjerna trid tiġi deċiża abbażi tal-provi kif prodotti quddiem dina l-Qorti u mhux abbażi ta' provi u konklużjonijet milħuqa fi proċeduri kriminali.*

*62. Dana qiegħed jingħad, għax jirriżulta ċar illi l-fatti, kif prodotti quddiem dina l-Qorti, għalkemm ħadu għaxar snin biex joħorġu, juru illi attwalment, a differenza ta' dak allegat mill-intimati, kien hemm attwalment responsabbiltà għall-inċident, u tali responsabbiltà hija attribwibbli prinċipalment lil Luke Curmi.*

*63. Il-Qorti, di fatti, qiegħda tagħmel tali osservazzjonijiet li wassluha tasal għal tali konklużjoni:*

*a. Huwa fatt mhux ikkontestat illi l-baħar, għalkemm seta' kien ftit imċafċaf b'riħ ta' Forza 4 ġej mid-direzzjoni tal-Majjistral, jiġifieri dieħel faċċata tal-Hotel Corinthia Marina minn fejn kien jopera l-operatur Sun 'n' Fun Limited, kien baħar illi jippermetti illi r-"ride" issir mingħajr perikolu.*

*b. Huwa fatt mhux ikkontestat ukoll illi, mument minnhom, meta r-'ride' kienet għadha ma bdietx bil-veloċità mistennija ta' "sa 25 knots", kif qal Luke Curmi, kemm John Burns u ibnu Martin Burns inqatgħu 'l fuq mill-'Crazy Squab' għoli ta' madwar pied u nofs u dana wassal sabiex jinqaleb għal ġewwa l-baħar John Burns, u dana kif jikkonfermah Albert Camenzuli illi ra kollox.*

*c. Hija konklużjoni naturali, għalhekk, illi wieħed jistaqsi kif seta' jkun illi, jekk il-baħar kien relattivament kalm, u r-rikba kienet għadha ma bdietx, John u Martin Burns jittajru għoli ta' aktar minn tletin ċentimetru fl-arja u jaqgħu fil-baħar mingħajr ebda raġuni partikolari.*

*d. Ir-risposta għal tali kweżit, madanakollu, ma jidhirx illi kien a dispożizzjoni tal-Maġistrat Inkwirenti meta hija wasslet għall-konklużjonijiet tagħha. Dan qiegħed jingħad għax jirriżulta illi l-verżjoni illi ta Albert Camenzuli ftit wara l-inċident ma kinitx daqstant dettaljata daqskemm kienet dik illi huwa ta lill-Qorti għaxar snin wara.*

*e. Jirriżulta, di fatti, illi r-risposta u r-raġuni tal-akkadut joħroġ ċar mix-xhieda illi Albert Camenzuli ta quddiem il-Qorti, meta huwa qal is-segwenti:*

> ***«Li niftakar li kienet ġiet mewġa kbira ta' dgħajsa għalkemm ma kinitx esaġerata**. Id-dgħajsa li konna fiha aħna telgħat u niżlet mal-mewġa. Niftakar peress illi jiena kont qed inħares lejn il-klijent bħala observer għola madwar tletin ċentimetru, waqa' bilqiegħda fuq id-dgħajsa b'għonqu lura, waqa' fuq il-crazy sofa fejn kien bilqiegħda, irrombla minn fuqha u ġie ġo l-ilma.»*

*f. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi l-'Crazy Squab' illi fiha kienu John u Martin Burns beżqithom 'il fuq aktar minn pied mhux riżultat ta' xi każ fortwitu li fuqu Luke Curmi, illi kien qed isuq id-dgħajsa, ma kellu ebda kontroll, iżda riżultat tal-fatt illi huwa attwalment baqa' jsuq id-dgħajsa ġewwa tali mewġa kbira kkawżata minn terzi, u bir-riżultat kaxkar s-sufan li fuqu kien hemm John u Martin Burns warajh u dawna li spiċċaw inqabdu fil-mewġa kbira li kien hemm u ttajru 'l fuq riżultat tal-moviment qawwi illi għamlet l-Crazy Squad mal-impatt mal-mewġa l-kbira.*

*g. Jirriżulta illi tali konklużjoni hija wkoll kompatibbli mad-deskrizzjoni mogħtija minn John u Martin Burns, fejn John Burns jgħid illi:*

> *«Having moved at a constant pace, the inflatable Crazy Sofa then suddenly jerked and accelerated at the same time.»*

*filwaqt illi Martin Burns jgħid:*

*«All of a sudden the boat then accelerated, the Crazy Sofa lifted upwards and Dad and I were thrown up in the air, doing a backward somersault with our legs going over our heads.»*

*h. Jirriżulta, għalhekk, illi a differenza ta' dak argumentat minn Luke Curmi huwa responsabbli għall-inċident li bih spiċċa paralizzat għal għomru John Burns, u dana riżultat ta' sewqan traskurat u bla kont ta' Luke Curmi.*

*......*

*66. Huwa ċar, għad-differenza ta' dak illi l-intimati qed jinsistu, illi meta Luke Curmi għażel illi jsuq id-dgħajsa b'xi veloċità relattiva għal ġo mewġa kbira, huwa kellu jifhem u japprezza illi l-kobor ta' tali mewġa kienet ser ikollha riperkussjonijiet fuq is-sufan illi kien qiegħed jiġbed warajh u, għalhekk, id-deċiżjoni tiegħu illi jibqa' dieħel ġo tali mewġa turi illi ma użax il-prudenza, d-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja rikjest mil-liġi – għalhekk Luke Curmi huwa responsabbli għall-inċident illi wassal lil John Burns jittajjar u eventwalment jikser l-ispina ta' dahru b'mod irreversibbli.*

*67. Jirriżulta wkoll illi s-soċjetà Sun 'n' Fun Limited, sussegwentement imsejħa Water Sports Operations Limited hija wkoll responsabbli għall-inċident, stante illi Luke Curmi kien impjegat tagħha u min-naħa tagħha hija kienet qiegħda topera l-attività imsejħa 'Crazy Boat Ride'*

*68. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi Paul Ebejer, fil-kwalità personali tiegħu, ma jistax jinżamm responsabbli tal-akkadut, stante illi huwa personalment ma kienx preżenti la qabel ma beda r-ride u wisq anqas meta kien qed iseħħ ir-ride, u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

***Difiżi oħra***

*69. Jirriżulta illi Luke Curmi eċċepixxa wkoll illi l-mertu tal-kawża odjerna huwa preskritt bit-terminu ta' sentejn a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap 12.*

*70. Jirriżulta, madanakollu, illi r-rikorrenti ppreżentaw Ittra Uffiċjali fis-17 ta' Lulju 2009 u għalhekk, ladarba dina ġiet ippreżentata entro sentejn wara l-akkadut illi seħħ fil-25 ta' Lulju 2007, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma minn Luke Curmi ma treġix.*

*71. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi s-soċjetà Montaldo Insurance Agency Limited għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera American Home Assurance Company, apparti l-eċċezzjoni tar-responsabbiltà fuq ġa deliberata, qajmet ukoll żewġ difiżi preliminari, ossia dik illi għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi ma għandha ebda relazzjoni legali mar-rikorrenti u dik illi hija ma tistax tiġi kkundannata tħallas aktar mil-limit of indemnity tal-polza minnha maħruġa.*

*72. Jirriżulta, mill-provi prodotti illi s-soċjetà Montaldo Insurance Agency Limited għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera American Home Assurance Company ħarġet Polza ta' Assikurazzjoni Nru 17799 447 001 u li magħha kien hemm Endorsement Numru PL5815/16 effettiv mill-1 ta' Marzu 2007 illi jipprovdi s-segwenti:*[1]

> *«Notwithstanding anything contained to the contrary, this policy is extended to indemnify the insured which for the purpose of this extension is deemed to include Marine Services Ltd and / or Sun'n' Fun Watersports (being the Concessionaires) against legal liability to pay for third party bodily injury or property damage arising from the ownership, possession or use of the water-sports equipment detailed below when used for the water-sports activities of the Insured anywhere in the Maltese Islands but only in connection with the operations at: 4. Corinthia Marina Hotel – St Julians.»*

*73. Jirriżulta illi fost id-dgħajjes indikati fl-endorsement kien hemm id-dgħajsa ossia speedboat S8464 illi kienet involuta fl-inċident mertu tal-kawża odjerna, u kienet koperta għal "watersports being (a) sausage rides, (b) wakeboard rides, (c) waterskiing, (d) transfer of persons ... etc".*

*74. Jirriżulta, għalhekk, illi d-dgħajsa S-8464, fil-mument tal-inċident, kienet koperta minn Polza tal-Assikurazzjoni maħruġa minn Montaldo Insurance Agency Limited għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera American Home Assurance Company.*

*75. Jirriżulta illi kif ingħad fil-kawża* ***Untours Insurance Agents Ltd noe et vs Robert Azzopardi*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-23 ta' Jannar, 2004 :*

> *«Tajjeb li jiġi osservat illi kif drabi oħra ntqal mhux eskluż fit-teorija li s-sitwazzjoni konċepita mis-soċjetà appellanti tista' tinħoloq fejn id-danneġġat u l-assigurazzjoni li tkun tkopri lil min ikkaġuna l-ħsara jidħlu f'relazzjoni diretta bejniethom, li bħala riżultat tagħha, s-soċjetà assikuratriċi tassumi pjenament ir-responsabbiltà għall-ħlas tad-danni, u dana bl-aċċettazzjoni da parte tad-danneġġat li jeħles lil min ikkaġunalu l-ħsara minn kull addebitu. Ftehim dan li jeħtieġ li jkun espliċitu, ċar u univoku u magħmul fil-forma li teżiġi l-liġi. Ftehim li jrid isir in osservanza tal-provvedimenti tal-***Kap.104***. Ara a propożitu sentenza fl-ismijiet '***Joseph Mallia vs Joseph Falzon et***' Appell Sede Inferjuri, 31 ta' Lulju, 1996 ……*
> *... meta l-kumpanija assikuratriċi tirċievi l-claim mit-third party, tipproċessah, u tistabbilixxi l-ammont tal-indennizz allura bejn il-kumpanija assikuratriċi u t-third party jinħoloq rapport ġdid, dak ċjoè, li l-kumpanija jekk ikun il-każ, tħallas it-third party in bażi għal polza tas-sigurtà….»*

*76. Jirriżulta illi s-soċjetà kjamata in kawża, kif minnha dikjarat permezz ta' rikors datat 5 ta' Frar 2010, "ġiet notifikata b'att ġudizzjarju mibgħut mill-atturi ai termini tal-***Artikolu 10(2)(a) tal-Kap 104***"*[2]

*77. Jirriżulta, finalment, illi s-soċjetà Montaldo Insurance Agency Limited ġiet kjamata in kawża mill-assikurat tagħha stess, ossia Sun 'n' Fun Water*

[1] *Fol 127*
[2] *Fol 24*

*Sports Limited, li magħha ċertament s-soċjetà assikuratriċi kellha relazzjoni ġuridika.*

*78. Jirriżulta, għalhekk, illi t-talba sabiex tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi ma hijiex il-leġittimu kontradittur hija waħda illi ma tistax tiġi kkunsidrata favorevolment minn dina l-Qorti.*

*79. Jirriżulta, madanakollu, illi s-soċjetà Montaldo Insurance Agency Limited għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera American Home Assurance Company, fil-polza tal-Assikurazzjoni fuq indikata, għandha "limitation of liability", għalkemm mhux indikata ċarament fid-dokumentazzjoni ppreżentati quddiem dina l-Qorti u lanqas ma saret referenza għaliha fis-sottomissjonijiet tagħha wkoll.*

*80. Jirriżulta għalhekk, illi kwalsiasi ammont illi ser jiġi lilha kkundannat tħallas għandu jkun soġġett għal-limitazzjoni tal-polza tal-assikurazzjoni, b'dan illi jkollha unikament dritt ta' rivalsa kontra l-intimati l-oħra illi jinstabu responsabbli f'każ illi l-ammont likwidat jeċċedi l-ammont massimu li hija obbligata tħallas a tenur tal-Polza tal-Assigurazzjoni tagħha.*

***Danni***

*81. Il-Qorti tosserva illi l-leġislazzjoni u ġurisprudenza nostrana tipprovdi illi d-danni likwidati jkopru kemm dawk attwali (damnum emergens) u kemm dawk li jolqtu telf ta' qliegħ futur (lucrum cessans).*

*82. Fil-każ **Joseph Zammit vs Joseph Bonello** deċiż fil-25 ta' Frar 2016 hemm rassenja tal-prinċipji ġenerali applikabbli f'din il-materja kif rassodati fil-ġurisprudenza matul is-snin:*

*........*

*83. Jirriżulta illi r-rikorrenti, fit-talba tagħhom, indikat illi huma intitolati kemm għal 'Damnun Emergens', kif ukoll għal 'Lucrum Cessans'.*

***Damnun Emergens***

*84. Jirriżulta illi, għal dak li jirrigwarda 'Damnun Emerges', John Burns, fl-affidavit tiegħu, kif ukoll f'nota jelenka lista ta' spejjez illi huwa inkorra riżultat tal-inċident illi ħallih totalment paralizzat, u fis-sottomissjonijet tiegħu, l-abbli difensur tar-rikorrent jelenkahom kif ġej:*[3]

> *Abortive Holiday Costs £1307 (€1955) bir-rata ta' 1.4959 ir-rata fil-25 ta' Lulju 2007. Ir-rata qed tiġi annessa.*
>
> *Spejjeż biex ġew uliedu jassistuh £232 (€347.05) bir-rata ta' 1.4959 ir-rata fil-25 ta' Lulju 2007.*

---

[3] *Fol 875*

*Spejjeż biex il-mara tiġi Malta tiftaħ il-kawża £282 (€421.84) bir-rata ta' 1.4959 ir-rata fil-25 ta' Lulju 2007.*

*Spejjeż biex martu tmur mid-dar għall-isptar £3,000 (€4487.70) bir-rata ta' 1.4959 ir-rata fil-25 ta' Lulju 2007.*

*Hemm diversi spejjeż oħra li huma elenkati f'Dok. A5 ippreżentat qabel id-differiment ta' Marzu 2017, fejn l-ispejjeż jammontaw għal €28009 (€41,898.66) bir-rata ta' 1.4959 ir-rata fil-25 ta' Lulju 2007.*

*L-ispejjeż hawn fuq imniżżla jammontaw għal €49,108.25.*

*85. Jirriżulta illi l-intimati jikkontendu illi illi l-ispejjeż diversi elenkati fid-dokument A5[4] li jammontaw għal €28,009 huma spejjeż mhux ċertifikati b'dokumentazzjoni u ma nġabitx prova illi huma spejjeż direttament u effettivament relatati ma' l-inċident.*

*86. Jirriżulta mill-fatti tal-każ, illi il-paralażi kompleta u totali ta' John Burns, fejn għal żmien konsiderevoli kien ġewwa Sptar u eventwalment ġo ċentru Riabilitattiv wasslet ċertament għal skariġġ żejjed lill-membri tal-familja tiegħu kif ukoll spejjeż ulterjuri illi kellhom jiġu inkorsi sabiex jieħdu ħsieb lil John Burns.*

*87. Jirriżulta illi, minn eżami akkurat tal-kalkoli magħmula mir-rikorrenti fid-dokument A5, il-Qorti hija sodisfatta illi huma spejjeż raġonevoli għaċ-ċirkostanzi illi l-inkapaċità totali ta' John Burns ikkawżat, u għalhekk qiegħda tikkunsidrahom bħala aċċettabbli.*

*88. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrenti tikkontendi illi bħala 'damnum emergens' huwa prospettat illi għall-ispejjeż futuri, fuq medda ta' għoxrin sena, soġġett għal żieda ta' tnejn fil-mija kull sena, ser ikun hemm spejjeż oħra ta' €83,510.25 illi tikkontendi illi għandhom jitħallsu.*

*89. Il-Qorti, madanakollu, tosserva illi ma tistax tipprovdi għal spejjeż futuri fuq mera suppożizzjonijiet u asserzjonijiet li John Burns għad fadallu għoxrin sena oħra ta' ħajja. Il-Qorti trid timxi, kemm jista' jkun, fuq fatti ċerti u ppruvati u għandu jkun limitat l-użu ta' konklużjonijet fuq viżjonijiet tal-futur, anke in linea mal-insenjamenti fuq msemmija – għalhekk tali talba addizzjonali ma tistax tiġi kkunsidrata.*

*90. Jirriżulta, għalhekk, illi d-damnum emergens għandu jkun ta' disgħa u erbgħin elf, mija u tmenin ewro (€49,108).*

***Lucrum Cessans***

*91. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi John Burns kien jaħdem bħala mastrudaxxa.*

*[4] Fol 625*

*92. Jirriżulta illi fis-sena ta' qabel l-inċident, ossia fis-sena 2006, huwa rreġistra qligħ qabel it-taxxa ta' wieħed u tletin elf, tmien mija u disgħin Liri Sterlini (GBP 31,890) ossia sebgħa u erbgħin elf, sebgħa mija u erbgħa ewro (€47,704) bir-rata tal-kambju ta' dakinhar tal-inċident, ossia 1 GBP – 1.4959 Euro[5].*

*93. Jirriżulta illi għas-sena 2007, ossia s-sena meta ġara l-inċident, John Burns fl-affidavit tiegħu qal is-segwenti:[6]*

> *I enclose (Appendix A) my tax assessment for 2007/8 (this is the year of my injury and is for a 15 week period only) I worked 50 weeks of each year and this equates to Stg 32,860 per annum sterling.*
>
> *I enclose (Appendix B) my tax assessment for the prior year 2006/7, to support this level of income.*

*94. Jirriżulta illi fil-prospett tal-qligħ redatt mir-rikorrenti għas-snin 2005 sa 2007, huwa indikat illi l-qligħ kalkolat huwa ta' erbgħa u tletin elf, mija u sebgħa u tmenin ewro (Stg 34,187)[7] ossija wieħed u ħamsin elf, mija u erbgħin Euro (€51,140) bir-rata tal-kambju ta' dakinhar tal-inċident, ossia 1 GBP – 1.4963 ewro.*

*95. Il-Qorti tosserva illi mis-sena 2007 sal-lum, f'każ kieku John Burns baqa' jaħdem regolarment, ċertament il-qligħ kien ikun aktar minn dak tas-sena 2007, u ġeneralment, il-Qrati tagħha jipprovdu għal tali differenza billi tipprovdi għal żieda annwali.*

*96. Fil-każ odjern, tenut kont tal-fatt illi l-ammont indikat bħala qligħ tas-sena 2007 jidher illi kien aktar minn dak indikat mill-istess John Burns fl-affidavit tiegħu, il-Qorti predisposta illi taċċetta tali valur ta' erbgħa u tletin elf, mija u sebgħa u tmenin Sterlina (Stg 34,187) bħala l-qligħ annwali purché jinkludi wkoll kwalsiasi żidiet illi jistgħu jitqiesu minn żmien għal żmien.*

*97. Għaldaqstant, il-Qorti ser tikkunsidra d-dħul ta' John Joseph Burns fis-sena 2007, ossia s-sena tal-inċident, fl-ammont ta' wieħed u ħamsin elf, mija u erbgħin ewro (€51,140) bir-rata tal-kambju ta' dakinhar tal-inċident, ossia 1 GBP – 1.4963 ewro.*

*98. Dwar konsiderazzjonijet fuq l-għoli tal-ħajja, il-Qorti tagħmel referenza għal dak fuq ġa surriferit, u għalhekk ma hijex ser tipprovdi ulterjorment.*

***• <u>Multiplier</u>***

*......*

---

[5] *Fol 60*
[6] *Fol 97-98*
[7] *Fol 53*

*100. Jirriżulta illi, fil-każ odjern, John Joseph Burns kellu tmienja u erbgħin (48) sena meta ġara l-inċident illi ħallietu mija fil-mija diżabbli (100%), u, kif jidher mid-dokument esibit mir-rikorrent stess u maħruġ mill-Gvern Ingliż[8], huwa kien mistenni illi jibqa' jaħdem bi qligħ sa meta jagħlaq sitta u sittin sena (66), ossia tmintax-il (18) sena b'kollox.*

*101. Jirriżulta, għalhekk, illi l-multiplier għandu jkun ta' tmintax-il sena (18).*

***• Diżabilità***

*102. Jirriżulta illi, fil-każ odjern, għandna persuna illi għadha ħajja iżda hija totalment dipendenti minn terzi u minn kura kontinwa, peress illi huwa paralizzat minn għonqu 'l isfel u jeħtieġ għajnuna kontinwa.*

*103. Jirriżulta illi ġie ampjament stabbilit illi John Burns għandu "a permanent (100%) complete tetraplegia with profound physical disability", kif dikjarat mill-konsulent Ingliż Dr Jan Gawronski u, fi kliem il-konsulent espert Malti Mr Frederick Zammit Maempel "fl-opinjoni tiegħi Burns għandu diżabbiltà ta' 100%".*

*104. Għalhekk, ma għandu jkun hemm ebda dubju illi d-diżabbiltà ta' John Burns hija ta' 100%.*

***• Kalkolu Finali***

*105. Ikkunsidrat dawk il-kalkoli u konsiderazzjonijiet kollha kif fuq magħmula, għandu jirriżulta s-segwenti:*

*a. L-introjtu ta' John Joseph Burns kien jammonta għal madwar **wieħed u ħamsin elf, mija u erbgħin ewro (€51,140)** fis-sena 2007 bir-rata tal-kambju ta' dakinhar tal-inċident, ossia 1 GBP – 1.4963 Euro.*

*b. Il-livell ta' diżabbiltà huwa 100%.*

*c. Il-mutliplier għandu jkun ta' tmintax-il (18) sena.*

*106. Jirriżulta, għalhekk, illi l-ammont li għandu jkun kkunsidrat għal-lucrum cessans għandu jkun maħdum fuq l-introjtu fis-sena 2007, ossia €51,140 u dana għal 18-il sena sakemm jilħaq l-età pensjonabbli.*

*107. Jirriżulta illi l-ammont li għandu jiġi kkunsidrat huwa għalhekk ta' **disa' mija u għoxrin elf, ħames mija u għoxrin ewro (€920,520)***[9]

***• Tnaqqis***

*......*

---

[8] *Fol 601*
[9] *€51,140 x 18 x 100% = €920,520*

*110. Il-Qorti tosserva illi, kif jirriżulta mill-provi prodotti, ir-rikorrenti ġa rċevew ħlas ta' tletin elf Liri Sterlini (Stg 30,000) fit-23 ta' Jannar 2008*[10] *ossia erbgħa u erbgħin elf, tmien mija u sebgħa u sebgħin elf Euro (€44,877) bir-rata tal-kambju ġa fuq imsemmija ta' 1 stg – 1.4959 Euro mill-assikurazzjoni illi huma kellhom, ossia Fortis Services (UK) Ltd.*

*111. Il-Qorti tosserva illi, għalkemm tali pagament sar fis-sena 2008, u, tenut kont tad-dewmien tal-proċeduri odjerni, irriżultaw ċertament importanti ħafna għar-rikorrenti in vista taċ-ċirkostanzi straordinarji illi kienu jinsabu fihom, madanakollu ikun opportun illi tali ħlas jitnaqqas mill-ammont komplessiv illi ser jiġi likwidat a favur tar-rikorrenti bħala 'lucrum cessans'.*

*112. Il-Qorti tosserva wkoll illi l-każ odjern ilu għaddej sa minn Lulju 2009, u għalhekk ma jimmerita ebda tip ta' tnaqqis fl-ammont pagabbli, peress illi ma huwiex ġust u korrett illi dilungar inutili u żejjed li jkun sar mill-intimati jiġi premjat billi titnaqqas parti mill-ammont dovut minħabba f'pagament f'daqqa.*

*113. Finalment, l-intimati jikkontendu illi r-rikorrenti qiegħed jiperċepixxi xi benefiċċji, liema benefiċċji għandhom jiġu kkunsidrati u mnaqqsin minn dak hekk likwidat.*

*114. Il-Qorti, madanakollu, ma taqbilx illi għandu jsir kwalsiasi tip ta' tnaqqs, kemm ta' benefiċċji ġa mħallsa, kif ukoll ta' benefiċċji illi għad iridu jitħallsu, stante illi tant damet il-kawża għaddejja illi, kieku ma kienx għall-benefiċċji imħallsa, ċertament ir-rikorrenti kienu jsofru ferm aktar konsegwenzi għal dak ikkawżat lilhom mill-intimati. Apparti minn hekk, dwar benefiċċji illi għad iridu jiġu perċepiti, ma għandu jsir ebda tnaqqis peress illi tali benefiċċji ser jagħmlu tajjeb għal tibdiliet fiċ-ċirkostanzi illi ċertament ser ikun hemm u li l-Qorti ma hijiex f'pożizzjoni illi tipprovdi għalihom.*

*115. Għalhekk ma huwa ser isir ebda tnaqqis fl-ammont komplessiv, għajr għal dak fuq imsemmi, ossia l-pagament ġa minnhom percepit.*

• ***Somma Dovuta***

*116. Ikkunsidrati l-fatti kif fuq diskussi, is-somma kif likwidata bħala :*

*a. Damnum emergens:* ***disgħa u erbgħin elf, mija u tmien ewro (€49,108)***

*b. Lucrum cessans:* ***wieħed u ħamsin elf, mija u erbgħin ewro (€51,140)*** *x 18 sena (multiplier) x 100 % minħabba paralażi tetrapleġika =* ***disa' mija u għoxrin elf, ħames mija u għoxrin ewro (€920,520)*** *naqqas* ***erbgħa u erbgħin elf, tmien mija u sebgħa u sebgħin elf ewro (€44,877)*** *ammont ġa mħallas lir-rikorrenti mill-assikurazzjoni*

[10] *Fol 592*

> *tagħhom, li jagħmel total ta'* ***tmien mija u sebgħa u ħamsin elf, sitt mija u tlieta u erbgħin ewro (€875,643).»***

11. L-imsejħa fil-kawża MIAL *nomine* permezz ta' rikors tas-26 ta' Ġunju, 2020 ressqet appell minn din is-sentenza b'erba' aggravji, ċjoè: (i) li kellha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju billi m'hemm l-ebda relazzjoni legali jew ġuridika bejnha u bejn l-attur; (ii) li s-sentenza fil-konfront tagħha hija nulla billi l-parti deċiżorja tas-sentenza ma taqbilx mal-premessi u mat-talbiet attriċi; (iii) li l-inċident inkwistjoni kien frott ta' *casus;* u (iv) li l-polza tal-assigurazzjoni għandha "*limits of indemnity"* u għalhekk hija qatt ma tista' tiġi kkundannata tħallas għal ammont akbar minn dak maħsub fl-istess kuntratt ta' assigurazzjoni.

12. Il-konvenut Luke Curmi wkoll ressaq appell nhar it-30 ta' Ġunju, 2020 li jissejjes fuq erba' aggravji: (i) li l-Ewwel Qorti żbaljat meta ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tiegħu marbuta mal-preskrizzjoni sa fejn l-azzjoni attriċi tressqet fil-konfront tiegħu; (ii) li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li huwa jġorr ir-responsabbiltà għall-inċident mhix tajba għaliex ibbażat ruħha fuq: (a) assunzjonijiet u aspetti li fattwalment ma jirriżultawx mill-atti; (b) filwaqt li warrbet kull prova li kienet teħilsu minn kull responsabbiltà; (ċ) ma ħaditx konsiderazzjoni tal-fatt li huwa kien impjegat tal-kumpanija konvenuta u għalhekk, din kellha tassumi r-responsabbiltà għal dak li ġara; (d) kif ukoll li l-inċident kien riżultat ta' *casus;* (iii) li l-Ewwel Qorti ma ħaditx qies tal-fatt li l-attur għażel li jmur

fuq ir-rikba tal-*crazy sofa,* minkejja li ġie mogħti r-rakkomandazzjoni li ma jmurx fuq tali rikba, meta kien magħruf li kien dieħel għar-riskji marbuta ma' din ir-rikba; u (iv) li l-Ewwel Qorti żbaljat ukoll kemm legalment, kif ukoll matematikament fil-komputazzjoni u fil-likwidazzjoni tad-danni mġarrba mill-attur appellat, liema komputazzjoni twarrab numru ta' prinċipji llum stabbiliti mill-Qrati tagħna u għalhekk hemm lok li d-danni jiġu riveduti.

13. L-attriċi *nomine* appellata wieġbet għaż-żewġ appelli mressqa billi tisħaq li s-sentenza appellata hija waħda ġusta li jistħoqqilha li tiġi kkonfermata, u ż-żewġ appelli għandhom jiġu miċħuda. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi u taż-żewġ appelli kontra l-appellanti.

14. Illi l-kumpanija Water Sports Operations Limited ma ressqet l-ebda appell. Biss però ressqet risposta għall-appell ippreżentat minn Luke Curmi, fejn filwaqt li tirrimetti ruħha għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti sa fejn Curmi fl-ewwel aggravju tiegħu jinsisti fuq l-eċċezzjoni tiegħu tal-preskrizzjoni, taqbel mal-bqija tal-aggravji mressqa minn Curmi, salv il-punt imqanqal taħt it-tieni aggravju tiegħu fis-sens li f'każ li jitqies li Curmi kien negliġenti, hija m'għandhiex twieġeb għall-għemil tiegħu. Ladarba ma sarx appell ewlieni jew inċidentali minnha, allura s-sentenza tal-Ewwel Qorti fil-konfront tal-kumpanija Water Sports Operations Limited hija waħda finali billi għaddiet f'ġudikat.

15. Inżamm smigħ dwar iż-żewġ appelli waqt is-seduta tal-20 ta' Ġunju, 2024, u minn hemmhekk il-kawża tħalliet sabiex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet**

16. Fl-**<u>ewwel aggravju tal-kumpanija msejħa fil-kawża MIAL *nomine*</u>**, hija tikkontesta d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li kkundannatha tħallas id-danni *in solidum* mal-konvenuti Curmi u l-kumpanija Sun 'N' Fun, li tqiesu responsabbli għall-inċident. Hija ssostni li ma hemm l-ebda konnessjoni, rabta jew relazzjoni legali jew ġuridika bejnha u bejn l-attur u għalhekk ma setgħet qatt tinsab responsabbli tħallas id-danni kaġunati minħabba responsabbiltà ta' terzi. L-appellanti tgħaddi sabiex teżamina ċ-ċirkostanzi fejn wieħed jista' jkollu relazzjoni legali u ġuridika ma' terzi, jiġifieri:

(i) kuntratt u kważi-kuntratt meta l-appellanti ma kellha l-ebda relazzjoni ta' kuntratt jew kważi-kuntratt mal-attur;

(ii) delitt u kważi-delitt, fejn l-appellanti teżamina l-**Artikoli 1031, 1032 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili**, u ssostni li fi kliem il-liġi, l-ħtija tista' tinstilet biss minn xi għemil jew dmir impost mil-liġi fuqha fil-konfront tal-attur. Mentri tisħaq li hija ma kellha l-ebda kuntatt jew

konnessjoni la mal-attur u lanqas mal-akkadut, jew xi dmir impost mil-liġi fil-konfront tal-attur u għalhekk l-imsemmija provvedimenti tal-liġi ma jistgħux jiġu invokati fil-konfront tagħha;

(iii) *ex lege* – filwaqt li mill-motivazzjonijiet tal-Ewwel Qorti jirriżulta li dak li wassalha tiddikjaraha responsabbli għall-ħlas tad-danni huma bbażati fuq il-**Kapitolu 104**, jiġifieri **l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Muturi għar-Riskji ta' Terzi Persuni**, meta qalet li hija kienet notifikata bl-ittra uffiċjali maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza, din il-liġi hija partikolari u marbuta biss ma' vetturi tat-triq, li jivvjaġġaw fuq l-art u ma tistax tiġi estiża għal inġenji tal-baħar. Tgħid li għalkemm din il-liġi speċjali tagħti jedd lill-persuna li tisfa' korruta f'inċident tat-traffiku li ddur mhux biss kontra l-persuna li kkaġunat id-danni, iżda wkoll kontra l-kumpanija assiguratriċi tal-vettura nvoluta fl-inċident, għandha tiġi interpretata b'mod restrittiv u ma tistax titħaddem, b'interpretazzjoni estensiva, għad-dgħajjes u inġenji tal-baħar. Tissokta tgħid li għalkemm taħt il-**Liġi Sussidjarja 499.23**, l-opri tal-baħar għandhom ikunu koperti b'polza tal-assigurazzjoni, u allura hemm oneru fuq l-Awtorità u fuq l-operatur jew il-persuna li tkun liċenzjata u li jkollha kontroll fuq l-istess opra tal-baħar li jaraw li tinżamm polza fis-seħħ, il-liġi ma tagħtix jedd għal azzjoni diretta kontra l-assiguratriċi, kif tagħmel **l-**

**Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Muturi għar-Riskji ta' Terzi Persuni**.

17. Mill-provi rriżulta li skont il-kuntratt ta' assigurazzjoni, il-kumpanija American Home Insurance Company Limited, rappreżentata fil-proċeduri taħt eżami mill-kumpanija appellanti msejħa fil-kawża, ħarġet polza tal-assigurazzjoni li ġġib referenza numru 17799 447 001, favur il-kumpaniji Corinthia Palace Hotel Company Limited and/or Five Star Hotels Limited and/or Libyan Arab Foreign Investments Company S.A.L and/or Mistra Village Ltd and/or IHI plc and/or Marina San Gorg Co. Ltd and /or Associated and/ or Subsidiary Companies for their respective rights and interests (ara Dok. MIAL 2 f'paġna 677 tal-proċess).

18. Fil-25 ta' Marzu, 2004 sar ftehim bejn Five Star Hotels Limited u Sun 'N' Fun Watersports Limited sabiex din tal-aħħar tkun tista' tħaddem negozju tagħha mill-bini tal-ewwel kumpanija. B'dan il-ftehim il-kumpanija konvenuta daħlet ukoll fl-obbligu li bħala operatur ikollha assigurazzjoni (ara Dok. MIAL 1 f'paġna 672 tal-proċess).

19. Permezz tal-polza tal-assigurazjoni msemmija qabel, saret *endorsement* bin-numru PL5862/16, effettiva bejn l-1 ta' Marzu, 2007 u t-28 ta' Frar, 2008 (ara paġna 723), li biha l-polza tal-assigurazzjoni kienet

estiża għal *water sports,* inkluż l-i*speedboat* involuta fl-inċident mertu tal-kawża (S8464) u hemm jingħad:

> *«Notwithstanding anything contained to the contrary, this policy is extended to indemnify the insured for which purpose of this extension is deemed to include Marine Services Limited and/or Sun 'N' Fun Watersports (being the concessionaires) against legal liability to pay for third party bodily injury or property damage arising from the ownership, possession or use of the water-sports equipment detailed below when used for water-sports activities of the Insured anywhere in the Maltese Islands but only in connection with the operations at: …*
>
> *2. Corinthia San Ġorġ Hotel – St. Julian's*
> *3. Corinthia Marina Hotel – St. Julian's. »*

20. Minn dan kollu jirriżulta li tabilħaqq ir-relazzjoni kuntrattwali hija bejn il-kumpanija assiguratriċi u l-kumpanija assigurata. Il-ftehim li hemm bejn il-kumpanija assiguratriċi u l-kumpanija konvenuta huwa *res inter alios acta* għall-attur, ġaladarba ma kienx parti fil-kuntratt tal-assigurazzjoni.

21. Hekk ukoll, sa fejn l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq il-culpa akwiljana, fejn il-ħtija tkun tista' tinstilet minn xi għemil jew nuqqas ta' twettiq ta' xi obbligu li joħroġ mil-liġi, lanqas jista' jingħad li l-kumpanija msejħa fil-kawża kienet responsabbli għal xi aġir negliġenti jew traskurat eżerċitat minnha, jew li naqset li twettaq xi obbligu li joħroġ mil-liġi, li wassal għall-inċident li ġarrab l-attur.

22. Żgur li din il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti sa fejn issir referenza minnha għall-**Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Muturi**

**għar-Riskji ta' Terzi Persuni**. Dan il-każ ma jitrattax vettura bil-mutur kif imfissra f'dik il-liġi, jiġifieri «*kull vettura maħsuba biex tivvjaġġa fuq l-art u li tkun immexxija b'forza mekkanika, imma li ma timxix fuq il-binarji, u kull trailer, kemm akkoppjat kemm mhux*» u għalhekk isegwi li dik il-liġi mhix applikabbli għall-każ taħt eżami (ara f'dan is-sens ***Reuben Fenech et pro et noe v. Francis Montebello et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Ġunju, 2024). Hija l-**Liġi Sussidjarja 499.23**, jiġifieri r-**Regolamenti dwar il-Bastiment Kummerċjali** li tirregola l-bċejjeċ tal-baħar li kienet tapplika fiż-żmien tal-inċident (Illum il-ġurnata hemm ukoll ir-**Regolament għall-Bastimenti ż-Zgħar** (**L.S. 499.52**) li japplikaw ukoll fil-każ ta' bċejjeċ tal-baħar).

23. Tassew taħt l-**Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Muturi għar-Riskji ta' Terzi Persuni**, il-liġi tagħti l-jedd li l-parti offiża li jkollha dritt ta' azzjoni diretta kontra l-assiguratur, kif ukoll il-jedd għall-kumpens dwar kull telf jew feriment li jirriżulta minn aċċident kaġunat bl-użu ta' vettura bil-mutur li tkun assigurata minn assiguratur awtorizzat (ara **Artikolu 9A tal-Kap. Ordinanza**). Iżda mhux l-istess jingħad taħt il-**Liġijiet Sussidjarji 499.23** u **499.52**, fejn minkejja li l-liġi tobbliga lil min ikollu opra tal-baħar li jkollu polza tal-assigurazzjoni, il-liġi ma ħolqotx dritt ta' azzjoni diretta jew dritt għall-kumpens mingħand l-assiguratur. Kif jingħad fil-prinċipju, *ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit*, jiġifieri fejn il-liġi riedet tgħid xi ħaġa, qalitu, fejn ma riditx tgħidu, baqgħet siekta.

24. Dan qiegħed jingħad ukoll b'rabta mal-argument imqanqal mill-attur appellat sa fejn invoka l-**Artikolu 1000 tal-Kodiċi Ċivili** favur tiegħu, jiġifieri fejn jingħad li wieħed jista' wkoll jikkuntratta għall-vantaġġ ta' terza persuna, meta dan ikun il-mod jew il-kundizzjoni ta' patt li jagħmel għalih innifsu, li ma jitqiesx li huwa applikabbli fil-każ taħt eżami. Wara kollox, ma jirriżultax li l-kumpanija assikuratriċi daħlet fil-kuntratt ta' assikurazzjoni bl-iskop speċifiku sabiex tivvantaġġa terzi. Mod ieħor jirriżulta li l-kumpanija attriċi daħlet biss f'kuntratt aleatorju mal-assikurat tagħha fejn il-qligħ jew it-telf għaż-żewġ partijiet jew ta' waħda minnhom, kien jiddependi minn ġrajja li mhijiex żgura skont l-**Artikolu 964 tal-Kodiċi Ċivili**. Bil-ħlas ta' *premium* mill-assikurat tagħha, il-kumpanija assikuratriċi ntrabtet li tindenizza lill-assikurat tagħha fl-eventwalità li dan isofri xi telf bħala riżultat ta' ġrajja dannuża li hija koperta bl-istess polza ta' assikurazzjoni. Ifisser għalhekk li l-kumpanija assikuratriċi daħlet fil-kuntratt ta' assikurazzjoni mhux bi ħsieb li tivvantaġġa terzi skont kif hemm imfisser fl-**Artikolu 1000 tal-Kodiċi Ċivili** iżda daħlet f'dan il-kuntratt aleatorju għall-vantaġġ tagħha stess bit-tama li tagħmel il-qligħ mill-*premiums* li tirċievi mill-assikurat tagħha.

25. Isegwi li l-Ewwel Qorti kellha tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-kumpanija assiguratriċi, fis-sens li m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mal-attur u lanqas ma kienet b'xi mod involuta fl-inċident u għalhekk kellha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju, salv dejjem il-jedd li l-kumpanija konvenuta

għandha fil-konfront tal-kumpanija assiguratriċi taħt il-polza tal-assikurazzjoni.

26. Ġaladarba ser jintlaqa' l-ewwel aggravju tal-kumpanija msejħa fil-kawża, ma hemmx il-ħtieġa li din il-Qorti tkompli tistħarreġ il-bqija tal-aggravji tagħha.

27. F'dan l-istadju, din il-Qorti ser tqis issa l-**<u>ewwel aggravju tal-konvenut appellant Curmi</u>**, b'rabta maċ-ċaħda tal-eċċezzjoni tiegħu tal-preskrizzjoni skont l-**Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili**. L-appellant Curmi jsostni li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata peress li għalkemm huwa minnu li l-attur ippreżenta ittra uffiċjali fis-17 ta' Lulju, 2009, iżda huwa baqa' ma ġiex notifikat biha**.** Għalhekk il-konvenut appellant jisħaq li ma nkisritx il-preskrizzjoni skont l-**Artikolu 2130 tal-Kodiċi Ċivili**. Minkejja l-eżitu negattiv tat-tentattiv ta' notifika, ma sarx attentat ieħor ta' notifika. Barra minn hekk, il-konvenut appellant isostni li l-attur lanqas jista' jistrieħ fuq il-fatt li l-kawża saret fit-23 ta' Lulju, 2009, peress li l-**Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili** jagħmilha ċara li n-notifika tal-parti huwa rekwiżit essenzjali għall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Iżid jgħid, li huwa ġie notifikat bl-atti tal-kawża aktar tard mis-sentejn mid-data tal-inċident mertu tal-kawża u għalhekk jisħaq li l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta ċaħdet din l-eċċezzjoni tiegħu tal-preskrizzjoni u laqgħet it-talbiet attriċi fil-konfront tiegħu.

28. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-aggravju tal-konvenut appellant Curmi ma jistax jintlaqa'. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell tat-28 ta' April, 2021, fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Manduca Azzopardi et pro et noe v. Avukat Dottor Henry sive Eric Mamo et***, dan l-argument huwa irrilevanti għaliex fi kwalunkwe każ jibqa' l-fatt li l-kawża saret fit-23 ta' Lulju, 2009, u għalhekk jumejn qabel ma għaddew is-sentejn mill-inċident tal-25 ta' Lulju, 2007. Kif ġie mtenni minn din il-Qorti fl-1 ta' April, 2005, fil-kawża fl-ismijiet ***Perit Joseph Sultana v. Ronald Gaerty***, filwaqt li ittra uffiċjali teħtieġ li tiġi notifikata sabiex isseħħ interruzzjoni tal-preskrizzjoni, meta ssir l-azzjoni infisha, il-preżentata tal-att ġudizzjarju nnifsu jinterrompi l-preskrizzjoni mingħajr il-ħtieġa ta' notifika.

29. F'din l-aħħar sentenza ngħad ukoll:

> *«Il-pern tal-kwistjoni fil-fatt hu hekk hemmx tassew differenza, għal fini ta' effetti legali, bejn ittra uffiċjali mibgħuta speċifikament biex tinterpella lid-debitur u fl-istess waqt tinterrompi l-preskrizzjoni u att ta' ċitazzjoni magħmula proprju in eżerċizzju ta' dik l-interpellazzjoni. Dan il-punt ġie ormai definit b'numru ta' deċiżjonijiet konkordi għal xulxin, liema deċiżjonijiet jaqblu ma' dak li ġie sottomess mill-appellant, u kwindi bil-maqlub ta' dak li ġie deċiż fis-sentenza appellata.*
>
> *Hekk, fost oħrajn, fid-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, datata t-3 ta' Marzu 1995, fil-kawża fl-ismijiet: "**Dr E. Woods LL.D noe –vs- D. Jones et noe**", ġie ritenut hekk, in propożitu, "….l-Artikolu 2130 (tal-Kap. 16) ma hux applikabbli għall-att taċ-ċitazzjoni billi dan l-att jikkostitwixxi 'talba ġudizzjarja' ai termini tal-Artikoli 2131 u 2132 tal-Kodiċi Ċivili. Il-preskrizzjoni inkwistjoni ġiet interrotta appena saret it-talba ġudizzjali tal-attur nomine bil-preżentata taċ-ċitazzjoni odjerna. L-Artikolu 2130 japplika meta si tratta ta' ittra uffiċjali jew xi att ġudizzjarju ieħor skont l-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili li bih il-kreditur juri li bi ħsiebu jżomm il-jedd tiegħu ta' azzjoni fil-konfront tad-debitur;*
>
> ***Fil-każ odjern, l-attur nomine mhux qiegħed javża lill-allegat debitur tiegħu li bi ħsiebu jżomm il-jedd tiegħu ta' azzjoni kif jgħid l-Art.***

> ***2128, iżda inveċe l-attur nomine qiegħed effettivament jeżerċita dak id-dritt ta' azzjoni biċ-ċitazzjoni li ippreżenta entro t-terminu****….."*
>
> *Il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, kif ippreseduta iżda diversament komposta, fil-kawża* ***Briffa vs. Debono*** *deċiża fis-7 ta' Lulju 1992, fejn saret distinzjoni bejn l-att rinnovattiv tal-azzjoni (bħalma hija l-ittra uffiċjali jew il-protest) u l-att eżekuttiv tagħha (bħalma hija ċ-ċitazzjoni);»*

30. Minn dan kollu jinżel li, għandu raġun l-attur appellat meta jgħid li meta ġie ppreżentat ir-rikors maħluf, dan waħdu jinterrompi l-preskrizzjoni u li hija l-ittra uffiċjali biss li teħtieġ li ssir in-notifika tagħha sabiex tinterrompi l-preskrizzjoni. Għalhekk l-ewwel aggravju tal-konvenut appellant Curmi mhux mistħoqq.

31. Imiss li jitqies it-**tieni aggravju tal-konvenut appellant Curmi**, jiġifieri l-kwistjoni ta' responsabbiltà għall-inċident u li fil-fehma tiegħu kien wieħed ta' *casus.*

32. Jibda billi jingħad li din il-Qorti ma tqisx ġustifikata l-kritika tal-appellant li l-Ewwel Qorti naqset milli teżamina u tanalizza l-fatti u dan kif jirriżulta mill-paragrafi 40 sa 57 tas-sentenza appellata, fejn hemm miġbura sintesi tal-fatti u siltiet mix-xhieda li tqiesu relevanti minnha. Dan qabel l-Ewwel Qorti għaddiet sabiex tagħmel analiżi tal-provi dwar il-materja ta' responsabbiltà għall-inċident (ara paragrafi 58 sa 68 tas-sentenza appellata). Il-fatt li l-Ewwel Qorti l-ewwel stqarret il-fehma tagħha dwar ir-responsabbiltà fil-każ tal-konvenut Curmi u mbagħad għamlet elenku tar-raġunijiet għala waslet għal-din il-fehma, hija kwistjoni

ta' stil kif ġiet imfassla s-sentenza, iżda żgur mhix kwistjoni li l-Qorti rat kif issib ħtija fuq il-konvenuti Curmi u Sun 'N' Fun Limited.

33. Mill-provi rriżulta li Curmi kien għadu student ta' dsatax-il sena, meta seħħ l-inċident li kien imur jaħdem mal-kumpanija konvenuta fis-sajf. Skont Curmi huwa kien beda jsuq id-dgħajjes ta' bejn 55 u 90 *horsepower* fl-2006, meta għamel xahrejn jitgħallem sakemm beda jsuq waħdu. Jidher li kien isuq l-istess dgħajjes hekk kif reġa' beda jaħdem fis-sajf tas-sena 2007. Filwaqt li Paul Ebejer u Frank Cassar xehdu li Curmi ma kienx isuq id-dgħajjes fl-2006, iżda beda jsuqhom fis-sena 2007! Dan ifisser li l-konvenut Curmi kellu esperjenza ta' bejn xahrejn u ħames xhur l-aktar isuq id-dgħajjes, li fil-fehma ta' din il-Qorti, f'kull każ ma jistax jingħad li Curmi kellu l-esperjenza!

34. Dwar il-veloċità fl-użu tad-dgħajsa, Curmi u l-osservatur Camenzuli fid-dikjarazzjoni li għamlu lil Ebejer, jgħidu minnhom li ma kinitx qiegħda tintuża veloċità ta' aktar minn ħmistax-il mil fis-siegħa u minkejja li l-klijent għamel sinjal sabiex tiżdied il-veloċità, din inżammet l-istess minn Curmi (ara paġna 489 tal-proċess). Waqt ix-xhieda tiegħu f'din il-kawża (ara paġna 516 tal-proċess) Curmi xehed li dakinhar tal-inċident ir-riħ kien madwar forza 4 u li l-baħar ma kienx imqalleb u peress li kienu għadhom madwar mitt metru mill-ponta tad-Dragonara, huwa ċert li kien għaddej b'inqas minn 20 *knot* (ekwivalenti għal 23 mil fis-siegħa) u li meta kienu

joħorġu 'l barra (madwar tliet mitt metru) mill-bajja, sabiex jibdew ir-rikba, ma kinux jaqbżu l-25 *knot*. Filwaqt li Camenzuli jixhed (ara paġna 668 tal-proċess) li ma kienx baħar qawwi dakinhar tal-inċident, jiddeskrivi li ġiet mewġa kbira ta' dgħajsa li għalkemm ma kinitx xi waħda esaġerata, id-dgħajsa telgħet u niżlet mal-mewġa, li wasslet sabiex l-attur li kien fuq il-*crazy sofa* jogħla madwar tletin ċentimetru, qabel waqa' b'għonqu lura għal fuq is-sufan u rrombla għal ġol-baħar.

35. Min-naħa l-oħra, filwaqt li l-attur u ibnu li kien miegħu għar-rikba jiċħdu li ngħataw struzzjonijiet dwar sinjali jew li għamlu sinjal sabiex tiżdied il-veloċità, l-attur jiddeskrivi l-movimenti fis-sens li:

> *«Having moved at a constant pace, <u>the inflatable sofa then suddenly jerked and accelerated at the same</u> time, I was thrown upwards, my legs went over my head and there was an impact as I hit something.»*

36. Filwaqt li ibnu jixhed:

> *«The ride started slowly and the boat headed out to sea, there was lots of spray. All of a sudden the boat then accelerated, the Crazy Sofa lifted upwards and Dad and I were thrown up in the air, doing a backward somersault with our legs going over our heads.»*

37. Titqies relevanti wkoll ix-xhieda ta' żewġ turisti li kienu għaddejjin fuq *jet skis* viċin id-dgħajsa li xehdu quddiem il-perit legali maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti, Morten Christoffer Wikstrand u Evy Runningshaugen, fejn jingħad minnhom li raw *"the floatable thing going up in the air, it landed at an angle like I am showing the legal referee",*

fejn hemm ukoll indikat disinn tas-sufan li qiegħed madwar 45 grad maqtugħ minn mal-wiċċ tal-baħar (ara paġna 941 tal-proċess).

38. Minn dan kollu, din il-Qorti tasal għall-konklużjoni, fis-sens li dan ma kien każ fortwitu xejn. In-nuqqas ta' riħ qawwi u l-fatt li l-baħar ma kienx imqalleb iżda mċafċaf, juru li x'aktarx kien proprju n-nuqqas ta' esperjenza ta' Curmi ta' kif isuq id-dgħajsa meta jkun hemm il-preżenza ta' mewġ ikkaġunat minn dgħajjes oħra, sabiex ikollu l-inqas impatt possibbli fuq id-dgħajsa u aktar minn hekk, il-ħsieb dwar l-effett li dan l-istess mewġ jista' jkollu fuq il-*crazy sofa* li kien qiegħed jinġibed warajh, li wassal għall-inċident. Tassew in-nuqqas ta' riħ qawwi, ix-xhieda li raw l-apparat jogħla 'l fuq u l-angolu tiegħu ma' wiċċ il-baħar, jagħti lil wieħed x'jifhem li dan il-*crazy sofa* spiċċa f'impatt dirett mal-mewġa li għollietu bil-ħasda minn quddiem, bil-konsegwenzi kollha li dan ġab miegħu.

39. Din il-konsiderazzjoni tapplika wkoll fir-rigward tal-ewwel punt imqanqal mill-konvenut appellant meta jilmenta li l-Ewwel Qorti bbażat il-konklużjoni tar-responsabbiltà tiegħu għall-inċident fuq assunzjonijiet u aspetti li fattwalment ma jirriżultawx mill-atti u li l-Ewwel Qorti għamlet il-preżunzjoni li huwa baqa' jsuq għal ġol-mewġa meta dan ma jirriżultax mill-provi. Isostni li din il-mewġa tissemma biss minn Camenzuli u lanqas biss tissemma mill-istess attur.

40. Madankollu, għalkemm il-prinċipju jibqa' li min jallega jrid jipprova, n-nuqqas ta' ħatra ta' espert fil-materja ma jfissirx li l-Qorti fuq il-bażi tal-provi miġbura quddiemha ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha.

41. Kif ingħad minn din il-Qorti (Kompetenza Inferjuri) fis-sentenza tagħha tal-20 ta' April, 2006, fil-kawża fl-ismijiet ***Mark Gauci v. Joseph Camilleri***, għall-fini tal-aċċertament tar-responsabiltà, kif inhu l-każ taħt eżami, il-valutazzjoni tal-provi skont l-ordinament proċedurali tagħna hu bażat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant, u ma teżisti ebda ġerarkija tal-effikaċja tal-provi. Dan ifisser illi anke provi b'kontenut indizzjarju huma valutabbli mill-ġudikant bħala bażi għal konvinċiment tiegħu. Għalhekk, il-valutazzjoni tal-materjal probatorju f'materja ta' responsabbiltà, mhix limitata għall-eżami iżolat tal-elementi singoli, imma għandu jkun wieħed globali, fil-kwadru ta' investigazzjoni sħiħa tal-fatti, jekk ħielsa minn vizzji fil-motivazzjoni, tikkostitwixxi apprezzament ta' fatt, li mhux faċilment ċensurabbli f'din is-sede.

42. Għalkemm huwa minnu li din il-mewġa tissemma biss mill-osservatur Camenzuli (u ma tirriżulta ebda raġuni l-għala dan ix-xhud ma kellux jitwemmen), madankollu jibqa' l-fatt li l-attur jiddeskrivi l-moviment li għamel is-sufan bħala "*jerk*", filwaqt li aktar importanti minn hekk, hija d-deskrizzjoni tal-moviment tas-sufan minn dawk ix-xhieda li kienu fuq il-

*jet skis* fil-viċin, provi indizzjarji li huma biżżejjed sabiex din il-Qorti, wara li fliet mill-ġdid l-provi fl-atti tal-kawża, waslet għall-istess konklużjoni, u għalhekk ma ssib xejn x'tiċċensura fl-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti fir-rigward tal-kwistjoni tar-responsabbiltà.

43. Imbagħad il-konvenut appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti warrbet kull prova li kienet teħilsu minn kull responsabbiltà, fosthom: (a) li legalment fiż-żmien meta seħħ l-inċident huwa ma kellu bżonn l-ebda liċenzja sabiex isuq l-*ispeedboat;* (b) il-fatt li r-riħ kien bejn forza tlieta u erba' u l-baħar kien kalm, it-temp kien aċċettabbli sabiex issir l-attività fil-baħar; (ċ) il-fatt li kemm l-attur, kif ukoll ibnu ngħataw *life jackets;* (d) il-fatt li l-inċident seħħ fil-bidu tar-rikba, meta ma kienx hemm veloċità kbira; (e) illi li kieku kien għaddej b'veloċità iben l-attur ukoll kien jispiċċa l-baħar; u (f) jekk jirriżulta li l-inċident seħħ minħabba mewġa huwa ma kellux responsabbiltà għal tali mewġa. Barra minn hekk, jisħaq li huwa ġie eżonorat minn kull responsabbiltà fl-inkjesta maġisterjali, iżda l-Ewwel Qorti ma straħitx fuq tali konklużjoni.

44. Tajjeb jingħad li fil-fehma ta' din il-Qorti, minkejja l-fatt li fiż-żmien li seħħ l-inċident, ma kienx meħtieġ li persuna li ssuq dgħajsa tat-tip bħal dik li kienet involuta fl-inċident li jkollha liċenzja, dan il-fatt fih innifsu ma jistax jitqies li b'xi mod jeħles lill-konvenut minn kull responsabbiltà peress li jibqa' japplika l-obbligu tas-sewwieq tad-dgħajsa li jeżerċita l-prudenza

u d-diliġenza meħtieġa minn missier tajjeb tal-familja meta kien qiegħed jimmanuvra d-dgħajsa.

45. Minn qari ta' paragrafu 63 tas-sentenza appellata, jirriżulta li l-Ewwel Qorti aċċettat li l-baħar kien imċafċaf b'riħ ta' forza 4, u mkien ma ngħad minnha li d-dawra bid-dgħajsa bir-rikba saret f'mument fejn it-temp ma kienx jippermetti li ssir. Hekk ukoll, jirriżulta aċċettat mill-Ewwel Qorti li l-inċident seħħ meta r-rikba kienet għadha fil-bidu meta ma tkunx għadha ntlaħqet l-ogħla veloċità mistennija f'dawn ir-rikbiet. Iżda dawn il-fatturi ttieħdu fil-konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti, sabiex tistaqsi x'wassal lill-attur u lill-ibnu sabiex jinqatgħu mat-tletin ċentimetru minn mal-*crazy sofa.* Għal darb'oħra, dawn huma konsiderazzjonijiet loġiċi li jagħmel ġudikant fl-għarbiel tal-provi u minn din il-mistoqsija, l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni loġika li fin-nuqqas ta' riħ u fin-nuqqas ta' veloċità eċċessiva, bilfors li kien hemm xi ħaġa oħra li wasslet għall-moviment li għamel is-sufan u hawnhekk daħlet ir-rilevanza ta' dak li ngħad minn Camenzuli dwar il-mewġa.

46. F'kull każ, jekk kemm-il darba huwa minnu dak li jingħad mill-konvenut, li l-i*speedboat* kienet għaddejja b'inqas minn 20 *knot* (ekwivalenti għal 23 mil fis-siegħa) meta seħħ l-inċident, iżda normalment kienu jtellgħu veloċità ta' 25 *knots* (madwar 29 mil fis-siegħa) hawn ukoll din il-Qorti ssib nuqqas ta' għarfien xieraq min-naħa tal-konvenut

appellant dwar il-proċeduri ta' sigurtà meħtieġa fit-tħaddim ta' dan l-apparat. Fil-manwal imsejjaħ *Crazyshark Watersports Tube Manual* (ara paġna 537 tal-proċess) jingħad: «***Do not use speeds that exceed the skills of the rider. Boat speed should never exceed 20mph for adult and 15mph for children***.» Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, dan kollu, jpoġġi f'dubju kemm l-asserzjoni li ma kinitx qiegħda tintuża veloċità eċċessiva dakinhar tal-inċident, kunsidrati l-limiti msemmija fil-manwal.

47. Titqies ta' importanza f'dan is-sens, ix-xhieda tal-konsulent mediku, l-Professur Fredrick Zammit Maempel: «*Mistoqsi jekk il-veloċità li biha kienet miexja d-dgħajsa fil-baħar għandhiex impatt fuq dan is-sinistru ngħid illi iva tagħmel differenza.... L-inċident in diżamina hu wieħed rari, l-angolu li bih waqa' s-sinistrat kien determinant għar-riżultat riskontrat u iktar ma kien miexi b'veloċità wieħed inqas ikollu kontroll tas-sitwazzjoni.*» B'din il-waqa' l-attur żloga għonqu, kiser ir-raba' rukkell li nqala' mill-ħames wieħed u mad-daqqa nqatgħu n-nervituri li jgħaddu mill-moħħ għall-bqija tal-ġisem bejn dawn ir-rukkelli. L-attur spiċċa tetrapleġiku (ksur fis-sinsla tad-dahar u ħsara fin-nervituri li wassal għall-paralizi, peress li ma jistax iċaqlaq saqajh u idejh – ara paġni 855 sa 860 tal-proċess). Kunsidrat il-grad tad-diżabilità mġarrba mill-attur, stmata mill-esperti mediċi fil-perċentwal l-aktar għoli ta' 100%, ikompli jixħet dubju fuq il-veloċità li biha kien għaddej il-konvenut.

48. Il-fatt li l-attur u ibnu ngħataw il-*lifejackets* kien dmir tal-konvenuti u dan il-fatt fih innifsu, ma jeħlishomx mir-responsabbiltajiet l-oħra li jimxu bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja. L-ebda tagħmir jew ilbies protettiv li jingħata ma jeżonera jew jagħti xi *carte blanche* lil dak li jkun sabiex ikun traskurat, imprudenti u jew ma jħarisx il-liġi.

49. Hekk ukoll, din il-Qorti ma tarax kif il-fatt li t-tifel waqa' fil-baħar ftit wara li waqa' l-missier, jista' jitqies bħala prova li jeħles lill-konvenut mir-responsabbiltajiet tiegħu. M'hemm l-ebda loġika f'dan l-argument.

50. Fir-rigward tal-mistoqsija tal-konvenut appellant, dwar x'responsabbiltà jista' jkollu minħabba l-mewġa, kif sewwa jingħad mill-appellat fir-risposta tal-appell, l-għaqal kien jitlob li jew titnaqqas il-veloċità tad-dgħajsa, hekk kif il-mewġa qorbot lejn id-dgħajsa, jew titbiddel id-direzzjoni tad-dgħajsa, sabiex il-mewġa taħbat mal-ġenb tad-dgħajsa minflok ma jkollok impatt frontali, bl-iskoss u tisbita li dan iġib miegħu.

51. Sa fejn jingħad mill-konvenut appellant li huwa kien meħlus minn kull forma ta' responsabbiltà fl-Inkjesta Maġisterjali, jiġi osservat li l-Ewwel Qorti ħadet qies ta' dan il-fatt (ara paragrafu 59 tas-sentenza appellata) iżda qalet ukoll li apparti li l-grad tal-prova fi proċeduri ċivili huwa differenti minn dak meħtieġ fil-kamp kriminali, hija kkunsidrat l-

Inkjesta Maġisterjali bħal kull prova oħra li kien hemm fl-atti quddiemha. F'kull każ, jekk mir-riżultanzi tal-provi, jiġu nnutati ċertu nuqqasijiet fl-aġir tal-konvenut, dan huwa biżżejjed sabiex il-ġudikant isejjes r-responsabbiltà għall-akkadut marbuta mal-konsegwenza probabbli ta' dawk in-nuqqasijiet fil-qasam ċivili, li mhux bilfors inisslu bażi sabiex jitmexxew proċeduri kriminali fil-konfront tal-istess persuna.

52. Kemm huwa hekk f'inkjesta maġisterjali l-irwol tal-Maġistrat Inkwirenti huwa prinċipalment li jiġbor u jippreżerva l-evidenza u jekk jinstab li seta' kien hemm it-twettiq ta' xi reat, fil-konklużjonijiet tiegħu l-Maġistrat filwaqt li jistabbilixxi li seta' kien hemm twettiq ta' reat jista' jasal għall-konklużjoni li passibbli għal dak ir-reat jista' jkun persuna partikolari. B'daqshekk ma tkunx qiegħda tinstab ħtija tal-persuna msemmija. Fuq kollox il-livell tal-prova meħtieġ f'inkjesta maġisterjali huwa ta' livell ferm anqas minn dak meħtieġ fil-kamp ċivili. Barra minn hekk f'dan il-każ, l-Ewwel Qorti stqarret li quddiemha tressqu ferm aktar provi milli kien hemm fl-inkjesta maġisterjali li tefgħu aktar dawl fuq dak li seħħ. Ċertament l-appellant ma jistax jippretendi li l-Ewwel Qorti u din il-Qorti jagħlqu għajnejhom għall-provi l-oħra li tressqu.

53. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti dwar ir-responsabbiltà tal-konvenut għall-inċident imġarrab mill-attur.

54. Kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Frar, 2008, fil-kawża fl-ismijiet ***Yvonne Cassone proprio et nomine et v. Alfred Calamatta et nomine***, il-ħtija jew il-kolpa fil-każ ta' fatt li jikkawża l-ħsara u li minnu toriġina l-azzjoni akwiljana, isseħħ meta wieħed jagħmel att volontarju u huwa jonqos li jipprevedi l-effett dannuż ta' dak l-att, meta huwa seta' jipprevedi dak l-effett dannuż. L-istess tip ta' ħtija tiskatta meta wieħed jonqos li jagħmel xi ħaġa li jkollu d-dmir li jagħmel u b'hekk jikkawża danni lill-ħaddieħor li seta' jipprevedi. Hekk ġara fil-każ taħt eżami.

55. Dan iwassal għat-tielet punt imqanqal mill-konvenut appellant Curmi, dak li huwa kien biss impjegat tal-kumpanija konvenuta, li għalhekk skontu fl-aħħar mill-aħħar kellha ġġorr ir-responsabbiltà għall-inċident. Jinsisti li huwa kien qiegħed jaqdi d-doveri tiegħu bħala impjegat waqt il-ħin tax-xogħol u ma kien hemm xejn li fl-imġiba tiegħu li tista' tixħet ħtija għall-inċident. Huwa tqies mill-imgħallem tiegħu bħala impjegat eżemplari u ma kien hemm xejn li jindika li huwa ma qgħadx għall-istruzzjonijiet li ngħata. Jgħid li fin-nuqqas ta' prova li tixħet responsabbiltà fuq l-appellant, din kellha tiġi merfugħa mill-kumpanija konvenuta appellata.

56. Illi minkejja l-fatt li l-kumpanija konvenuta m'appellatx mis-sentenza tal-Ewwel Qorti, fir-risposta tal-appell imressqa minnha talbet lil din il-

Qorti twarrab l-argument tal-konvenut appellant li ladarba impjegat ikun qiegħed iwettaq xogħol fuq inkarigu ta' min iħaddem, u jirriżulta li dan ix-xogħol ma jkunx twettaq b'mod prudenti u diliġenti, il-kumpanija li tħaddem lil dak l-impjegat għandha titqies daqstant responsabbli flimkien ma' dak l-impjegat u dan skont kif jipprovdi l-**Artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili.** Relevanti f'dan ir-rigward huma s-sentenzi ta' din il-Qorti tal-31 ta' Mejju, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***Go p.l.c v. Angelo Schembri***; dik tat-23 ta' Frar, 2022, fil-kawża fl-ismijiet ***Alexander Zammit et v. Carmel Mifsud et*** u dik tal-24 ta' Ġunju, 2021, fil-kawża fl-ismijiet ***L-Awtorità għat-Trasport f'Malta v. Carmel Spiteri***.

57. Tabilħaqq fil-fehma ta' din il-Qorti, kien hemm numru ta' nuqqasijiet tal-kumpanija konvenuta marbuta ma' dak li ġara dakinhar tal-inċident taħt eżami. Hekk insibu li, ma kien hemm l-ebda persuna responsabbli għall-kumpanija konvenuta sabiex tissorvelja dawk l-attivitajiet sportivi li kienet tħalli f'idejn l-impjegati tagħha. Mill-provi rriżulta li filwaqt li jingħad minn Paul Ebejer (direttur tal-kumpanija konvenuta – ara paġna 542 tal-proċess) li meta telaq minn fuq il-post ħalla lil Frank Cassar bħala l-persuna responsabbli, iżda dan tal-aħħar xehed li dakinhar tal-inċident ma kienx preżenti (ara paġna 586 tal-proċess).

58. Kif ukoll, kien ikun aħjar għall-kumpanija konvenuta li mhux biss tagħmel ċert li l-impjegati tagħha jingħataw it-taħriġ kollu meħtieġ dwar l-

użu tal-bċejjeċ tal-baħar li għandha (u dan jingħad lil hemm mill-kwistjoni tal-liċenzja għas-sewqan tad-dgħajjes, li llum-il ġurnata sar f'kull każ mandatorju), inkluż il-miżuri ta' sigurtà meħtieġa sabiex jiġu evitati l-inċidenti, fosthom il-veloċità massima li setgħet tintuża f'dawn it-tip ta' rikbiet. Dan minbarra li jkollha nies apposta li jagħmlu s-sorveljanza meħtieġa, sabiex jassiguraw li qiegħda tiġi mħarsa wkoll il-veloċità ndikata. B'hekk jista' jkun assigurat li jkunu qegħdin jiġu mwettqa l-miżuri tas-sigurtà, miżuri li minħabba familjarità max-xogħol, il-ħaddiema jistgħu jittraskuraw ċertu riskji li jkun hemm marbuta mal-attivitajiet imwettqa minnhom. Ikun utli wkoll, li l-klijenti jingħataw l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jieħdu deċiżjoni li tkun infurmata dwar ir-riskji marbuta mal-użu tal-apparat tagħha.

59. Din il-Qorti ma taqbilx lanqas mal-argument tal-konvenut appellant li ladarba huwa kien impjegat, kellha tassorbi kull responsabbiltà l-kumpanija konvenuta appellata. Kif ingħad qabel, din il-Qorti sabet numru ta' nuqqasijiet fl-imġiba tal-konvenut appellant li għalihom jeħtieġ li jwieġeb huwa. Wara kollox, hekk kif sid jew min iħaddem ma jistax jeħles mir-responsabbiltà billi jsostni li huwa qabbad persuna biex tieħu ħsieb ix-xogħol, ladarba d-danneġġat isofri l-ħsara, isegwi li dik il-persuna ma kenitx kompetenti f'xogħolha u l-konsegwenza ta' din l-inkompetenza għandhom ibatu kemm is-sid jew il-kumpanija li tħaddem lil dak l-impjegat, kif ukoll l-impjegat innifsu b'mod solidali u wieħed ma jistax jitfa'

l-ħtija fuq l-ieħor (ara s-sentenzi ta' din il-Qorti tas-27 ta' Ġunju, 2014, fil-kawża fl-ismijiet ***Linda Busuttil et v. Dr. Josie Muscat et*** u dik tat-28 ta' Frar, 2014 fl-ismijiet ***Dr. Tatiana Bonnici v. Nicholsons the Supermarket***).

60. Imiss issa jiġi mistħarreġ l-argument li dan l-inċident kien riżultat ta' *casus,* jiġifieri inċident sfortunat li għalih m'għandux iwieġeb huwa. Mill-ġdid jirreferi għall-konklużjoni tal-Inkjesta Maġisterjali li ma rriskontrat l-ebda responsabbiltà għal dak li seħħ.

61. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Settembru, 2016, fil-kawża fl-ismijiet ***Air Malta p.l.c. et v. Malta International Airport p.l.c.***:

> *«In tema ta' forza maġġuri, fir-rigward tad-difiża tal-każ fortwitu, il-ġurisprudenza hi ċara fis-sens li huwa ritenut li meta l-akkadut ilmentat ikun konsegwenza ta' azzjoni jew ommissjoni tal-bniedem, din il-linja difensjonali ma tistax tirnexxi.*
>
> *Hawnhekk issir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tat-2 ta' Mejju, 2016 fl-ismijiet* **L-Imħallef Vincent DeGaetano et v. Stefan Cordina et** *nomine fejn ingħad:*
>
> *"Kif intqal fis-sentenza* **Joe Caruana vs Philip Chircop & Sons Ltd et** *deċiża fl-24 ta' April 2015:*
>
> *"….il-kunċett tal-każ fortwitu jew forza maġġuri ma jseħħx meta għall-ħsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, pożittiv jew negattiv, tal-bniedem. Skont il-prinċipju tad-dritt, biex ikun hemm il-każ fortuwitu mħux biżżejjed li jkun avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jeħtieġ li jkun inevitabbli, b'mod li ma jistax jiġi evitat bid-diliġenza ordinarja tal-"bonus pater familias".*
>
> *"Persuna ma tistax sempliċement tistrieħ fuq il-każ fortwitu, jew forza maġġuri jew stat ta' neċessità biex tiskolpa ruħha mill-ħtija meta teżisti l-kolpa anteċedenti' (Ara deċiżjonijiet ta' danni minn arma tan-nar waqt*

> ***kaċċa Raymond Sammut vs Anthony Miċallef** deċiża fit-3 ta' Ottubru, 2008 (817/1999/1) PA – Imħallef G. Valenzia, u **Carmela Fenech pro et noe vs Antonio Galea** deċiża fl-24 ta' Mejju 1954 mill-Qorti ta' l-Appell, u s-sentenza fl-ismijiet **Mikiel Refalo pro et noe vs Pawlu Curmi** deċiża fit-13 ta' Jannar 1988 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell.»* (sottolinjar ta' din il-Qorti).»

62. Hekk ukoll f'dan il-każ, għalkemm din il-Qorti tista' tifhem li dak li ġara lill-attur setgħet forsi titqies bħal fula f'qargħa, ma jistax jingħad li dak li ġara kien imprevedibbli. Żgur li ma jistax jiġi aċċettat l-argument li ladarba ma seħħew ebda inċidenti qabel, il-possibbiltà li jiġri aċċident kienet imprevedibbli. Dan meta jirriżulta li kien hemm negliġenza kemm fil-metodu tas-sewqan tad-dgħajsa min-naħa tal-konvenut Curmi, kif ukoll in-nuqqasijiet fl-operat tal-kumpanija konvenuta li wasslu għall-inċident taħt eżami. Fuq kollox, mhux xi ħaġa impossibbli li tiġri li jkun hemm opra tal-baħar oħra li tkun qiegħda tinstaq fil-viċinanzi b'veloċità jew li bis-sewqan tagħha se tifforma mewġa. B'hekk jiġi li ma jistax jiġi aċċettat l-argument li dak li seħħ ma kienx prevedibbli. Jiġi b'hekk, li ma hemmx lok u ma jkunx xieraq li l-konvenut appellant jipprova jaħsel idejh mir-responsabbiltà billi jinvoka d-difiża tal-każ fortwitu jew forza maġġuri.

63. Għalhekk dan l-aggravju tal-konvenut appellant ser jiġi wkoll miċħud.

64. Imiss li jiġi trattat it-**<u>tielet aggravju tal-konvenut appellant Curmi</u>**, dak fejn jingħad li l-Ewwel Qorti warrbet l-argument tiegħu li l-attur innifsu għamel għażla li jmur fuq il-*crazy sofa* meta kien ingħata l-parir sabiex

ma jmurx fuq tali rikba, u għalhekk kien jaf sew ir-riskji li kien dieħel għalihom. Għalkemm l-appellant jippreċiża li mhix qiegħda tiġi invokata d-difiża ta' *volenti non fit iniuria,* ħareġ ċar mill-provi li b'mod oġġettiv bl-isem innifsu tar-rikba, wieħed seta' jobsor ir-riskji marbuta mar-rikba u li kien fuq l-insistenza ta' iben l-attur li dan daħal għaliha.

65. Din il-Qorti ma tqisx siewi dan l-argument tal-konvenut appellant fejn bażikament huwa qiegħed jixli lill-attur appellat bil-kontributorjetà għar-responsabbiltà ta' dak li ġara, peress li kien jaf li kien hemm riskju marbut mal-attività li daħal għaliha. L-**Artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili:** «*Jekk il-parti li tbati l-ħsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara, il-qorti, fil-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni li għandhom jitħallsu lil dik il-parti, tiddeċiedi, fid-diskrezzjoni tagħha, f'liema proporzjon din tkun ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara li batiet, u l-ammont tad-danni li għandu jitħallas lilha mill-persuni l-oħra li jkunu dolożament jew bla ma riedu kkontribwew għal dik il-ħsara, jiġi mnaqqas f'dik il-proporzjoni*.» Minn qari ta' dan il-provvediment tal-liġi tirriżulta distinzjoni bejn meta d-danneġġat jikkontribwixxi għall-ħsara jew ikun ta okkażjoni għall-ħsara. F'dan il-każ il-konvenut appellant isostni li bl-isem tar-rikba, l-attur kellu jkun jaf bir-riskju marbut magħha u li b'hekk l-aġir passiv tiegħu kien ta' natura kontributorja meta daħal għal dak ir-riskju b'għajnejh miftuħin.

66. Fil-kawża ***Froom v. Butcher***, **Lord Denning** spjega:

> *«Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty of others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself.»*

67. Kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-28 ta' April, 2017, fil-kawża fl-ismijiet ***Maurice Fenech et pro et noe v. Jacksons Company Limited et***:

> *«Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet* ***Sammut v. Clamus Holding Limited*** *(27 ta' Settembru 2012 – konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-prinċipju fl-2016) eżaminat din il-kwistjoni fil-fond u għamlet dawn l-osservazzjonijiet eruditi li din il-Qorti taqbel magħhom pjenament;*
>
> > *"Illi, kif ingħad aktar qabel, il-prinċipju tal-liġi jrid li kulħadd iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu Iżda huwa wkoll miżmum u aċċettat li jrid jintwera li, minbarra s-sejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il-ħtija li ikkaġunat id-dannu attwalment imġarrab. Fuq kollox, il-liġi trid ukoll li fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb jew tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet. Dan iġib miegħu wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjetà għall-ħsara tkun tali li tkun għalkollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara.* ***Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li onus incumbit ei qui dixit, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjetà tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha;***
> >
> > ***Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjetà min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjetà ... meta l-istess ... jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu. Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li volenti non fit iniuria;»*** (enfasi ta' din il-Qorti)

68. B'dawn il-prinċipji f'moħħ il-Qorti, jiġi osservat li fil-każ taħt eżami, fl-ewwel lok hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar dak li ngħad lill-attur u lill-familja tiegħu qabel ma bdiet ir-rikba. Il-konvenut appellant jisħaq li meta ġie infurmat li l-attur ma tantx kien jaf jgħum, l-attur appellat ingħata l-pariri sabiex ma jagħmilx din ir-rikba. Madankollu, mix-xhieda tal-attur u ta' martu Christine Burns jirriżulta li minkejja li għall-ewwel kellhom xi tħassib f'dan is-sens, iżda mbagħad fi kliem l-attur: «*I opted for the ride because of the safety jacket, life jacket and because my son wanted to go on the ride.*» Filwaqt li Christine Burns xehdet: «*...he did have a life jacket on, so I presumed that if he had a life jacket on and he went into the water, then this would have helped him...*» Minn din ix-xhieda jirriżulta li t-tħassib kien li l-attur seta' jiltaqa' ma xi diffikultà minħabba li ma kienx għawwiem tajjeb jekk jispiċċa l-baħar u mhux li jista' jieħu tisbita li biha jispiċċa paralizzat!

69. F'kull każ, jekk kemm-il darba, fil-fehma tal-konvenuti huwa meħtieġ li min juża dan il-*crazy sofa* għandu jkun għawwiem tajjeb (argument dubjuż ladarba l-istess jista' jintuża minn tfal taħt is-superviżjoni tal-adulti) dan ifisser li kien obbligu tagħhom li jirrifjutaw li jieħdu klijenti fuq din ir-rikba jekk ma jkunux għawwiema tajba. Punt ieħor rilevanti huwa li l-manwal jgħid: «*Do not use at speeds that exceed skills of the rider.*» Dan jixħet responsabbiltà akbar fuq is-sewwieq tad-dgħajsa

li jadatta r-rikba skont il-passiġġieri li jkollu u mhux bilfors kull rikba trid ittella' l-massimu tal-veloċità.

70. Hekk ukoll, il-konvenut appellant jagħti x'jifhem li l-isem tar-rikba "*Crazy sofa*" hija indikattiva tar-riskji marbuta magħha. Iżda din il-Qorti ma taqbilx. Għandhom raġun il-miżżewġin Burns meta jixhdu li l-isem huwa wieħed intiż sabiex jattira lill-klijenti sabiex jidħlu għal din l-avventura fuq il-baħar u b'daqshekk mhix indikattiva tar-riskji marbuta magħha. F'għajnejn it-turist b'dehen normali wieħed jara l-okkażjoni li jieħu pjaċir mal-ħbieb jew mal-familja waqt li jkun qiegħed jagħmel attività fuq il-baħar u qajla jgħaddilu minn rasu r-riskju li hemm marbut ma' dawn ir-rikbiet, kif imwissi fil-manwal. Dan jingħad ukoll peress li mix-xhieda ta' Paul Ebejer, meta mistoqsi jekk huwa kkomunikax mal-attur qabel beda juża l-*Crazy Sofa,* dwar ir-riskji u l-periklu marbut mal-użu tal-istess, huwa wieġeb fin-negattiv (ara paġni 534 u 543 tal-proċess).

71. F'kull każ, il-fatt li hemm ċertu livell ta' riskju bl-użu ta' dan l-apparat, ma jfissirx li l-konvenuti setgħu liberament jimxu b'negliġenza jew li l-istess konvenuti kienu meħlusa mill-obbligu li jimxu bil-għaqal kif imfisser qabel (ara wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Novembru, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***Fleur Debono v. Shanylee Reed et***). Hemm issir referenza dettaljata dwar it-tema ta' *volenti non fit iniuria,* fis-sens li l-fatt li l-vittma tkun rikbet volontarjament f'karozza misjuqa minn

minorenni jew persuna li tirkeb ma’ ħaddieħor fuq mutur, ma jfissirx b’daqshekk li jkun sar xi ftehim mal-vittma li jekk jiġri xi ħaġa, l-vittma tkun qiegħda tieħu fuqha kwalsiasi riskju ta’ telf li tista’ ssofri. Il-kwistjoni ta’ rieda tal-persuna mġarrba li kif ingħad qabel, hija komuni għaż-żewġ każijiet, jeħtieġ li tkun waħda bbażata fuq ix-xjenza sħiħa tan-natura u l-estensjoni tar-riskju u li l-vittma riedet tieħu dak ir-riskju fuqha. Fin-nuqqas ta’ dawn it-tip ta’ provi fil-każ taħt eżami, dan l-argument tal-konvenut appellant huwa destinat li jfalli.

72. Isegwi li lanqas dan l-aggravju tal-konvenut appellant ma jixraqlu li jintlaqa’.

73. Jonqos li jiġi mistħarreġ ir-**<u>raba’ aggravju tal-konvenut appellant</u>**, fejn huwa jsostni li l-Ewwel Qorti wettqet żball fil-komputazzjoni tad-danni. Sa fejn il-konvenut appellant jilmenta dwar id-danni li ngħataw mill-Ewwel Qorti, kif kellha okkażjoni tfisser din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tat-12 ta’ Lulju, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***Jeffrey Saliba v. Richard Attard*, skont l-Artikolu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili**, il-ħsara li persuna responsabbli trid twieġeb għaliha tikkonsisti: (i) fit-telf effettiv li l-persuna mġarrba tbati direttament mill-għemil dannuż; (ii) fl-ispejjeż minfuqa mill-persuna mġarrba biex tagħmel tajjeb għall-ħsara li saritilha; (iii) fit-telf ta’ paga, dħul jew qligħ ieħor attwali; u (iv) fit-telf ta’ qligħ li l-persuna mġarrba tbati ’l quddiem minħabba inkapaċità dejjiema kawżata minn dak l-għemil (ara

***Leserlie Caruana v. Brian Cauchi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju, 2008).

74. Dawn l-irjus ta' danni differenti ġeneralment huma magħrufa fil-ġurisprudenza bħala *damnum emergens* (ħsara diretta) u *lucrum cessans* (telf ta' qligħ). Kif imfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Raymond Sammut v. Anthony Micallef*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' April, 2015, *damnum emergens* huwa dak li l-vittma ħareġ, qiegħed joħroġ, jew għad ikollu joħroġ mill-patrimonju tiegħu biex jagħmel tajjeb għall-ħsara, bħall-ispejjeż mediċi meħtieġa għad-danneġġat, waqt li *lucrum cessans* huwa l-qligħ jew dħul li, fl-imgħoddi, issa jew 'il quddiem, intilef jew sejjer jintilef u għalhekk ma jidħolx fil-patrimonju tal-vittma minħabba fl-inċident.

75. Huwa prinċipju aċċettat ukoll li r-responsabbiltà ta' min jagħmel il-ħsara jrid iwieġeb għal dawk id-danni immedjati u diretti li jitnisslu mill-għemil tad-danneġġant. Fil-fatt ingħad li kemm-il darba kellu tassew jirriżulta li dannu partikolari kien konsegwenza diretta tas-sinistru u hemm prova preċiża u inekwivoka f'dak li hu ammont minfuq, allura f'dak il-każ il-Qorti tkun marbuta li tagħti l-ammont sħiħ bħala danni u dan għandha tagħmlu mingħajr indħil ta' natura arbitrarja. Iżda fejn il-Qorti jidhrilha li dawn l-ispejjeż, minkejja li jkunu saru mill-vittma, ma kinux relatati direttament mas-sinistru, jew ma kinux strettament meħtieġa, jew inkella mhumiex ġustifikati f'dik li hija l-entità tan-nefqa li tkun saret, allura huwa

evidenti li, f'każijiet bħal dawn, dik il-Qorti ma tkunx marbuta li taċċetta dak kollu li ġie minfuq u tinkludih fil-likwidazzjoni tagħha. Relevanti f'dan is-sens hija s-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' Novembru, 2006, fil-kawża fl-ismijiet ***Pacifico Fenech v. William Ronald Murphy***.

76. Minn dan jinżel li din il-Qorti ma taqbilx mal-konvenut appellant sa fejn jikkontesta l-ispejjeż mitluba mill-attur appellat b'rabta mal-vjaġġ tal-ulied li ġew Malta sabiex jgħinuh (€347.05 ara Dok D f'paġna 106 tal-proċess) u l-ispejjeż magħmula b'rabta mat-trasport għall-mara tal-attur sabiex hija tmur iżżur lir-raġel tagħha fl-isptar għal aktar minn tliet snin (€4,487.70). Dawn mhumiex danni reklamati minn terz, kif donnu jfisser il-konvenut appellant, iżda danni li l-attur attwalment ġarrab fil-patrimonju tiegħu, hekk kif minn persuna li jaqla' l-għajxien għall-familja, spiċċa paralizzat u l-familja tiegħu għamlet minn kollox sabiex twieżnu fil-mument ta' bżonn. Dawn l-ispejjeż ċertament kienu konsegwenza diretta tal-inċident li ġarrab l-attur.

77. Hekk ukoll, l-ispiża ta' €421.84 sabiex il-mara tal-attur ġiet Malta sabiex infetħet il-kawża titqies ġustifikata. Għalkemm huwa minnu li l-attur seta' jagħti prokura lill-avukat tiegħu sabiex jiftaħ il-kawża f'ismu u jidher għalih, b'daqshekk ma jfissirx li l-mara tal-attur bħala mandatarja ma kellhiex tiġi hawn Malta u tattendi personalment sabiex tiftaħ il-kawża. Rilevanti f'dan is-sens hija s-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Diċembru, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***Katarzyna Labuz v. Avukat Kevin Plumpton*.**

Hemm ukoll ngħad li wieħed għandu japprezza li l-inċident f'dak il-każ kellu impatt kbir fuq il-ħajja tal-attriċi u għalhekk altru li kellha interess personali li tattendi personalment. L-istess prinċipju japplika fil-każ taħt eżami.

78. Fil-każ tal-ispejjeż fl-ammont ta' €41,898.66, skont id-dokument ippreżentat mill-attur bħal Dok. A5 (paġna 625 tal-proċess) din il-Qorti tista' tifhem l-argument tal-konvenut appellant li l-prinċipju kardinali marbut mal-grad tal-provi jibqa' dak ta' *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Fil-fatt l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (**Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**) u li l-Qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li, issirilha l-aħjar prova li parti tista' ġġib (**Artikolu 559 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**). Madankollu, kif ingħad drabi oħra, dawn il-Qrati għandhom ukoll is-setgħa li jillikwidaw d-danni *arbitrio boni viri* meta jkun impossibbli għall-attur li jressaq il-provi preċiżi dwar l-entità tagħhom u mhux meta jonqos li jressaq il-provi dwarhom (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Frar, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Vladyslava Kravchenko et v. Kevin Micallef et***).

79. Minn eżami tad-dokument taħt kontestazzjoni jirriżulta li dan jitratta elenku ta' spejjeż marbuta mal-ivvjaġġar tal-familja tal-attur sabiex iżuruh l-ewwel fl-isptar, imbagħad f'dar tal-kura speċjalizzata fejn kien rikoverat

u spejjeż oħra li l-attur kellu bżonn u li l-isptar jew id-dar tal-kura ma pprovditx bejn l-2007 u l-2011. Filwaqt li din il-Qorti tasal tifhem li mhux faċli li l-attur jew il-mara tiegħu jipprovdu ċertu rċevuti, filwaqt li ċertu spejjeż ma kinux isiru biss b'rabta mal-fatt li l-attur kien jinsab rikoverat fl-isptar (eżempju l-petrol), iżda hemm spejjeż oħra li setgħu faċilment jiġu esebiti. Bħala eżempju, l-ispejjeż mitluba mill-attur marbuta mas-servizzi tad-dawl, l-ilma u l-gass, bejn l-2012 u l-2017 – dawn setgħu jiġu esebiti l-kontijiet ta' qabel (meta l-attur kien rikoverat fl-isptar jew id-dar tal-kura) u dawk ta' wara li l-attur mar lura d-dar, sabiex il-Qorti kien ikollha viżibilità aħjar tal-ispejjeż żejda li kellhom isiru minħabba d-danni li ġarrab l-attur. Fin-nuqqas ta' rċevuti, l-Ewwel Qorti setgħet tagħti somma *arbitrio boni viri,* li mhux bilfors ifisser l-ammont sħiħ mitlub mill-attur.

80. Madankollu, fil-konsiderazzjonijiet tagħha, l-Ewwel Qorti warrbet il-pretensjonijiet tal-attur fl-ammont ta' €83,510.25 għall-ispejjeż futuri (u l-attur ma ressaq l-ebda appell fir-rigward). Dan meta s-sentenzi reċenti ta' din il-Qorti, fosthom dik tal-15 ta' Ġunju, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***Trevor Grech v. Lawrence Agius***, fejn b'referenza għall-ġurisprudenza hemm imsemmija, ċertament spejjeż futuri għall-kura, mediċina u terapija għandhom jitqiesu taħt il-kap ta' *damnum emergens*, u jistgħu jinkludu kura jew spejjeż minħabba li l-persuna danneġġata tispiċċa dipendenti fuq ħaddieħor. Dan il-punt qiegħed jiġi ppreċiżat sabiex kemm jista' jkun, ikun hemm ċerta konsistenza fil-likwidazzjoni ta' danni f'każijiet simili.

Iżda fin-nuqqas ta' appell fuq dan il-punt ma jistgħux isiru żidiet fid-danni likwidati mill-Ewwel Qorti.

81. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, din il-Qorti ma tqisx li għandha tvarja l-likwidazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti taħt il-kap ta' danni emerġenti.

82. Imiss li jiġi trattat il-punt dwar il-*lucrum cessans.* Il-bażi tal-kontestazzjoni tal-konvenut appellant f'dan il-każ hija: (a) li ma kellux jittieħed l-ammont gross tal-paga tal-attur qabel ma tinqata' t-taxxa; (b) li l-*multiplier* ta' 18-il sena adottat mill-Ewwel Qorti kien esaġerat, ladarba huwa d-differenza bejn l-età li kellu l-attur fil-mument tal-inċident u l-età tal-irtirar; (ċ) li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tapplika l-perċentwal ta' 100% bħala rata ta' diżabbiltà għal xi ħadd li għadu ħaj bħalma hu l-attur; u (d) li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata wkoll meta ma għamlet l-ebda tnaqqis minħabba *lump sum payment.*

83. Sa fejn il-konvenut appellant jilmenta dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti adottat l-ammont gross u ma sarx tnaqqis relattiv għat-taxxa, din il-Qorti ma tqisx dan l-ilment bħala wieħed ġustifikat. Il-ġurisprudenza l-iktar reċenti ta' din il-Qorti stabbiliet li fil-kalkolu tat-telf ta' qligħ għandu jittieħed kont tas-salarju gross u mhux fuq id-dħul nett (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-21 ta' Mejju, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Lee Tanti v. Clayton***

***Bugeja*** u l-ġabra ta' ġurisprudenza hemm imsemmija proprju fuq dan il-punt). L-Ewwel Qorti ġustament ikkunsidrat ukoll li l-paga tal-attur ta' €51,140, kienet marbuta mad-dħul tiegħu fis-sena 2007 u li ma kienx qiegħed isir aġġustament għal żidiet li jista' jkun hemm minn żmien għal żmien. Isegwi li dan l-ilment ser jiġi miċħud.

84. Min-naħa l-oħra, jitqies li għandu raġun il-konvenut appellant meta fil-komputazzjoni tad-danni *lucrum cessans,* l-Ewwel Qorti adottat *multiplier* ta' 18 u dan wara li kkunsidrat li l-attur kellu 48 sena meta seħħ l-inċident u mill-provi rriżulta li huwa kellu jirtira ta' 66 sena u għalhekk għamlet tnaqqis bejn l-età tal-irtirar u l-età li kellu l-attur fil-waqt tal-inċident.

85. Kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Marzu, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***L-Avukat Dr. Johnaton Abela nomine v. Maria Spiteri***:

> *«...fis-sentenza* ***Yordan Shterev v. Vassallo Builders Group Limited*** *deċiża fis-16 ta' Diċembru, 2019, għalkemm fil-kejl tal-multiplier għandu jittieħed qies tal-età tad-danneġġat fil-mument li seħħ l-inċident, normalment f'każijiet bħal dawn, m'għandux isir sempliċi tnaqqis bejn l-età tal-irtirar u l-età tal-persuna fil-mument tal-inċident, għaliex il-multiplier irid jinkorpora ġo fih dak l-element ta' «chances and changes of life or vicissitudes of life».*
>
> *Il-kunċett ta' «chances and changes of life», ġie mdaħħal biex sewwasew jiġġustifika tnaqqis fil-komputazzjoni tad-danni minħabba li ħadd ma jaf il-futur, u għalkemm persuna tista' tgħix sa età avvanzata, il-ħajja tgħallimna mod ieħor. Kien għalhekk li l-working life expectancy ħafna drabi ma tiġix meqjusa kollha fil-kalkolu tal-multiplier (ara* ***Francis Gauci v. Jimmy Bugeja*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Novembru, 2009).»*

86. Fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Frar, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Azzopardi v. Id-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili***, ingħad ukoll li għalkemm il-Qorti għandha tfittex li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna fl-istat li kienet qabel l-inċident, m'għandux jittieħed biss il-*maximum working life expectancy* tad-danneġġat. Il-kunċett ta' *chances and changes of life*, ġie introdott biex proprju jiġġustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bażi tal-prinċipju li ħadd ma jaf il-futur u għalkemm persuna tista' tgħix sa età avvanzata, il-ħajja tgħallimna mod ieħor. Isegwi li l-*working life expectancy* m'għandux ikun ikkunsidrat kollu għall-fissazzjoni tal-*multiplier.*

87. Għalhekk fil-każ ta' dan l-ilment, l-aggravju tal-konvenut jitqies ġustifikat fis-sens illi l-*multiplier* għandu jkun ta' erbatax u mhux ta' tmintax-il sena.

88. Fil-każ tar-rata ta' diżabbiltà ta' 100% adottata mill-Ewwel Qorti, din ma waslitx għaliha fl-għama, iżda wara li kkunsidrat li għalkemm l-attur għadu ħaj, huwa paralizzat minn għonqu 'l isfel (*permanent complete tetraplegia*) u dan kif ikkonfermat kemm mit-tabib li operah u kkurah hawn Malta, Dr. Frederick Zammit Maempel, kif ukoll mill-konsulent Dr. Jan Gawronski, li kien qiegħed isegwi l-attur fir-Royal National Orthopaedic Hospital, l-Ingilterra.

89. Din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Frar, 2019, fil-kawża fl-ismijiet ***Atef Zarrouk v. C & F Building Contractors***, kellha okkażjoni teżamina każ fejn ingħata perċentwal ta' 100% bħala rata ta' diżabbiltà, fejn hemm ukoll sar l-argument li dan il-perċentwal jingħata lil min ikun tilef ħajtu u mhux min baqa' ħaj. Hemm ingħad mill-Qorti li d-danni ma jingħatawx bħala kumpens għad-debilità medika *ut sic* iżda għat-telf li d-danneġġat ikun ġarrab minħabba f'hekk u għalkemm id-diżabbiltà ta' 100% tirrispekkja biss każ ta' mewt, iżda ingħad ukoll li diversi sentenzi tal-Qrati tagħna jsostnu li għal dak li jirrigwarda l-perċentwali ta' diżabbiltà, <u>dak li jrid jiġi stabbilit mhuwiex il-grad ta' inkapaċità f'sens purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba.</u>

90. Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan il-ħsieb u kkunsidrat li sakemm kienet għaddejja l-kawża, l-attur kien għadu f'qiegħ ta' sodda paralizzat u ma hemm l-ebda prova li l-attur ser ikun kapaċi li jerġa' jaħdem, din il-Qorti ma tarax li għandha tvarja d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward. Wara kollox, il-konvenuti ma kkontestawx il-fehma tal-espert mediku li assista lill-attur f'Malta u lanqas talbu l-ħatra ta' espert mediku mill-Qorti sabiex jagħmel eżami separat tal-attur. Il-perċentwal ta' 100% tabilħaqq jirrifletti l-impatt li d-debilità permanenti kellha fuq il-kapaċità tal-attur li jaħdem u l-qligħ futur tiegħu.

91. L-aħħar punt imqanqal mill-konvenut appellant taħt dan l-aggravju huwa li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata wkoll meta ma għamlet l-ebda *lump sum payment reduction.* Dan l-argument tal-konvenut appellant huwa destinat li jfalli. Dwar it-tnaqqis tal-*lump sum*, skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, il-perċentwal ta' tnaqqis minħabba l-ħlas ta' *lump sum payment* jonqos bir-rata ta' 2% għal kull sena li l-kawża ddum għaddejja (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Lulju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet ***John Muscat v. Camray Limited et***). Dan it-tnaqqis fil-perċentwal jibda jiddekorri minn dakinhar li tkun ġiet intavolata l-kawża, sakemm tingħata s-sentenza finali. Fil-fatt ġie spjegat illi r-raġuni għalfejn issir din ir-riduzzjoni hija sabiex ittaffi l-iżvantaġġ illi jikkawża l-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora*, b'applikazzjoni ta' liema f'każijiet bħal dawn, l-imgħax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza, u mhux mid-data tal-intavolar tal-azzjoni (ara f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti tal-1 ta' Diċembru, 2021, fl-ismijiet ***Anthony sive Antoine Dalli v. F.S. Engineering and Plastics Limited*** u dik tas-6 ta' Ottubru, 2020, fil-kawża fl-ismijiet ***Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et***).

92. Jekk il-kawża ddum aktar minn għaxar snin biex tinqata', ġeneralment l-ebda tnaqqis ma jsir mis-somma likwidata (ara b'eżempju s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet ***Ian Dimech v. Mediterranean Trading Shipping Company Limited et*** deċiża fit-30 ta' Ġunju, 2021 u dik ta' ***Frederick Catania v. Ta' Mattew Fish Farm Limited*** deċiża fl-10

ta' Ottubru, 2023,). Bit-tħaddim tal-istess prinċipji, ikkunsidrat li s-sentenza finali ser tingħata wara ħmistax-il sena minn meta ġiet ippreżentata l-azzjoni attriċi, din il-Qorti ma tqisx li għandu jsir tnaqqis bħala *lump sum payment*.

93. Għalhekk peress li dan l-aggravju tal-konvenut appellant ser jintlaqa' f'parti minnu, ser jiġu riveduti l-kalkoli tad-danni *lucrum cessans* fis-sens li:

€51,140 (dħul tal-attur) x 14 (multiplier) x 100% (diżabbiltà) = €715,960

94. Minn dan l-ammont irid isir tnaqqis ta' €44,877 li tħallas lill-attur mill-assigurazzjoni tagħhom (ma kien hemm ebda appell min-naħa tal-attur dwar dan it-tnaqqis) li jwassal għas-somma ta' €671,083 (€715,960-€44,877) bħala *lucrum cessans.* Din is-somma flimkien mad-danni l-oħra bħala *damnum emergens* ta' €49,108, jagħmlu total ta' €720,191 (€671,083+€49,108). Din hija s-somma totali dovuta lill-attur u s-sentenza appellata ser tiġi riformata f'dan is-sens.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti qiegħda:

(i) **Tilqa'** l-appell imressaq mill-imsejħa fil-kawża Montaldo Insurance Agency Limited u għalhekk tħassar is-sentenza appellata sa fejn din

ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-istess kumpanija, u minflok tilqa' t-tieni eċċezzjoni tagħha u għaldaqstant teħlisha mill-ħarsien tal-ġudizzju fil-konfront tal-attur;

(ii) **<u>Tilqa'</u>** f'parti minnu l-appell imressaq mill-konvenut Luke Curmi, kif hawn qabel imfisser; u għalhekk tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li l-ammont likwidat bħala *lucrum cessans* huwa dak ta' sitt mija, wieħed u sebgħin elf u tlieta u tmenin ewro (€671,083), li flimkien mad-danni likwidati bħala *damnum emergens* ta' disgħa u erbgħin elf mija u tmien ewro (€49,108), jagħmlu total ta' seba' mija u għoxrin elf, mija u wieħed u disgħin ewro (€720,191) u tikkundanna lil Luke Curmi jħallas lill-attur l-ammont ta' seba' mija u għoxrin elf, mija u wieħed u disgħin ewro (€720,191), bħala danni minnu mġarrba. B'dan li s-sentenza tal-Ewwel Qorti sa fejn tolqot lill-kumpanija Water Sports Operations Limited li ma ressqet l-ebda appell tibqa' tgħodd.

(iii) Bl-imgħax jibda għaddej mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti sad-data tal-ħlas effettiv;

(iv) Mill-bqija s-sentenza appellata hija kkonfermata.

L-ispejjeż tal-ewwel istanza jitħallsu mill-konvenut Luke Curmi u mill-kumpanija konvenuta Water Sports Opeartions Limited *in solidum*, ħlief għall-ispejjeż ta' Paul Ebejer li jibqgħu kif deċiż mill-Ewwel Qorti. L-

ispejjeż tal-appell ta' Luke Curmi jitħallsu inkwantu għal żewġ terzi minn ($^2/_3$) mill-appellant Luke Curmi u terz ($^1/_3$) mill-attriċi *nomine*, filwaqt li l-ispejjeż marbuta mal-appell ta' Montaldo Insurance Agency Limited għandu jitħallas mill-attur

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb